KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
PITRUZZELLA
ippreżentati fis-17 ta' Ġunju 2021 [1]

Kawża C-180/20

Il-Kummissjoni Ewropea
vs

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

"Rikors għal annullament – Deċiżjonijiet (UE) 2020/245 u 2020/246 – Pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill ta' Sħubija stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli tal-Proċedura tal-Kunsill ta' Sħubija u dawk tal-Kumitat ta' Sħubija, tas-sottokumitati u ta' korpi oħra stabbiliti mill-Kunsill ta' Sħubija, u l-istabbiliment tal-lista tas-sottokumitati – Deċiżjonijiet li jistabbilixxu l-pożizzjonijiet li għandhom jittieħdu f'isem l-Unjoni f'korp maħluq minn ftehim internazzjonali – Għażla tal-bażi legali – Ftehim li ċerti dispożizzjonijiet tiegħu jistgħu jiġu marbuta mal-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) – Adozzjoni ta' żewġ deċiżjonijiet distinti"

I. Introduzzjoni

1. Fil-kuntest tal-kontenzjuż interistituzzjonali relatat mal-bażi legali tal-atti tal-Unjoni, li huwa ta' importanza ta' natura kostituzzjonali [2], post iktar u iktar sinjifikattiv huwa okkupat, wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, mill-kawżi li jikkontestaw il-linja ta' demarkazzjoni bejn l-azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea fl-oqsma li jaqgħu taħt it-Trattat FUE u l-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK), stabbilita fit-Trattat UE [3]. Ir-rikors li huwa s-suġġett ta' dawn il-konklużjonijiet jaqa' fost dawn il-kawżi u jikkostitwixxi, madwar tliet snin wara l-għoti tas-sentenza tal-4 ta' Settembru 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (Ftehim mal-Kazakistan) [4] (iktar 'il quddiem is-"sentenza Kazakistan"), stadju ġdid fit-tilwima bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar il-bażijiet legali rilevanti għall-konklużjoni u għall-implimentazzjoni ta' ftehimiet ta' sħubija msejħa "ta' ġenerazzjoni ġdida". Fis-sentenza Kazakistan, il-Qorti tal-Ġustizzja għall-ewwel darba ġiet mitluba tiddeċiedi dwar id-delimitazzjoni bejn il-kompetenzi li jaqgħu taħt il-PESK u l-kompetenzi li jaqgħu taħt

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

[2] Ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, l-Opinjoni 2/00 (Protokoll ta' Cartagena dwar il-prevenzjoni tar-riskji bijoteknoloġiċi), tas-6 ta' Diċembru 2001 (EU:C:2001:664, punt 5), u s-sentenza tal-14 ta' Ġunju 2016, Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-263/14, EU:C:2016:435, punt 42).

[3] Ara, pereżempju, is-sentenzi tad-19 ta' Lulju 2012, Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-130/10, EU:C:2012:472); tal-24 ta' Ġunju 2014, Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-658/11, EU:C:2014:2025); u tal-14 ta' Ġunju 2016, Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-263/14, EU:C:2016:435).

[4] C-244/17, EU:C:2018:662.

it-Trattat FUE fil-kuntest tal-implimentazzjoni ta' waħda minn dawn il-ftehimiet, u, b'mod iktar preċiż, dwar l-adozzjoni ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE, li permezz tagħha l-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan korp maħluq b'applikazzjoni ta' dan il-ftehim [5].

2. F'din il-kawża, il-Kummissjoni titlob l-annullament tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (UE) 2020/245 [6] u 2020/246 [7] (iktar 'il quddiem, flimkien, id-"deċiżjonijiet ikkontestati"), dwar pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Sħubija stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra [8] (iktar 'il quddiem il-"FSKM").

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat UE

3. Il-Kapitolu I tat-Titolu V tat-Trattat UE fih "dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-azzjoni esterna ta' l-Unjoni". L-Artikolu 21 TUE, taħt dan il-kapitolu, jesponi, fil-paragrafu 1, il-prinċipji li fuqhom hija bbażata l-azzjoni tal-Unjoni fix-xena internazzjonali u jippreċiża li l-Unjoni għandha tfittex li tiżviluppa relazzjonijiet u tibni sħubijiet b'mod partikolari mal-pajjiżi li jikkondividu l-imsemmija prinċipji. L-Artikolu 21(2) TUE jelenka l-għanijiet tal-azzjoni esterna tal-Unjoni u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 21(3) TUE jipprovdi li "[l]-Unjoni għandha tirrispetta l-prinċipji u tfittex li twettaq l-objettivi stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' l-azzjoni esterna tagħha fl-oqsma differenti koperti minn dan it-Titolu u mill-ħames parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea, kif ukoll fil-politika l-oħra tagħha fl-aspetti esterni tagħha".

4. Il-Kapitolu 2 tat-Titolu V tat-Trattat UE jinkludi d-dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw il-PESK. Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 24(1) TUE, "[i]l-politika estera u ta' sigurtà komuni hija suġġetta għal regoli u proċeduri speċifiċi. Hija għandha tkun definita u implimentata mill-Kunsill Ewropew u mill-Kunsill li jaġixxu b'mod unanimu, ħlief fejn it-Trattati jipprovdu mod ieħor". Skont l-Artikolu 37 TUE, inkluż f'dan l-istess kapitolu, "[l]-Unjoni tista' tikkonkludi ftehim ma' Stat wieħed jew aktar jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali f'oqsma koperti minn dan il-Kapitolu".

[5] Jeżistu preċedenti oħra dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 218(9) TFUE, fil-kuntest ta' tilwima fuq il-bażi legali rilevanti ta' deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan korp maħluq minn ftehim internazzjonali, li madankollu ma jikkonċernawx id-delimitazzjoni bejn il-kompetenzi PESK u l-kompetenzi mhux PESK; ara s-sentenzi tas-26 ta' Settembru 2013, Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill (C-431/11, EU:C:2013:589); tas-27 ta' Frar 2014, Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill (C-656/11, EU:C:2014:97); u tat-18 ta' Diċembru 2014, Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill (C-81/13, EU:C:2014:2449).

[6] Deċiżjoni tas-17 ta' Frar 2020 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill ta' Sħubija stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ta' Sħubija u dawk tal-Kumitat ta' Sħubija, is-sottokumitati speċjalizzati u korpi oħra stabbiliti mill-Kunsill ta' Sħubija, u l-istabbiliment tal-lista ta' Sottokumitati, għall-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim għajr it-Titolu II tiegħu (ĠU 2020, L 52, p. 3).

[7] Deċiżjoni tas-17 ta' Frar 2020 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill ta' Sħubija stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ta' Sħubija u dawk tal-Kumitat ta' Sħubija, is-sottokumitati speċjalizzati u korpi oħra stabbiliti mill-Kunsill ta' Sħubija, u l-istabbiliment tal-lista ta' Sottokumitati, għall-applikazzjoni tat-Titolu II ta' dak il-Ftehim (ĠU 2020, L 52, p. 5).

[8] ĠU 2018, L 23, p. 4.

B. Id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat FUE

5. Fil-ħames parti tat-Trattat FUE dwar l-azzjoni esterna tal-Unjoni, it-Titolu V huwa ddedikat għall-ftehimiet internazzjonali tal-Unjoni. Dan it-titolu jinkludi, fost l-oħrajn, l-Artikolu 218 TFUE li jistabbilixxi l-proċedura ta' negozjati u ta' konklużjoni tal-ftehimiet bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali. L-Artikolu 218(8) u (9) jipprovdi:

"8. Il-Kunsill għandu jaġixxi bil-maġġoranza kwalifikata tul il-proċedura kollha.

Mandankollu, għandu jaġixxi b'mod unanimu meta l-ftehim ikopri qasam li għalih hija meħtieġa l-unamità għall-adozzjoni ta' att ta' l-Unjoni […].

9. Il-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni jew tar-Rappreżentant Għoli ta' l-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u ta' Politika ta' Sigurtà għandu jadotta deċiżjoni li tissospendi l-applikazzjoni ta' ftehim u li tistabbilixxi l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f' isem l-Unjoni f' sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali […]".

III. Il-fatti li wasslu għall-kawża

A. Il-FSKM

6. Fid-29 ta' Settembru 2015, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (iktar 'il quddiem ir-"Rappreżentant Għoli") sabiex jiftħu negozjati mar-Repubblika tal-Armenja dwar ftehim qafas[9]. Dawn in-negozjati ġew konklużi b'suċċess u l-ftehim ġie inizjalat fil-21 ta' Marzu 2017.

7. Fl-20 ta' Novembru 2017, il-Kunsill adotta deċiżjoni li permezz tagħha huwa awtorizza l-iffirmar tal-FSKM f'isem l-Unjoni u ddeċieda dwar l-applikazzjoni provviżorja ta' ċerti partijiet ta' dan il-ftehim[10] (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni ta' ffirmar"). Din id-deċiżjoni kienet ibbażata fuq l-Artikolu 37 TUE kif ukoll fuq l-Artikolu 91 u l-Artikolu 100(2) TFUE, u fuq l-Artikoli 207 u 209 TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(5) u (7) TFUE u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(8) TFUE. Il-FSKM ġie ffirmat fl-24 ta' Novembru 2017 u huwa applikat b'mod provviżorju mill-1 ta' Ġunju 2018.

8. L-Artikolu 362 ta' dan il-ftehim jipprevedi l-istabbiliment ta' Kunsill ta' Sħubija, inkarigat mis-superviżjoni u mill-kontroll regolari tal-implimentazzjoni tal-imsemmi ftehim u awtorizzat jadotta deċiżjonijiet li jorbtu lill-partijiet kif ukoll jifformula rakkomandazzjonijiet[11] (iktar 'il quddiem il-"Kunsill ta' Sħubija"). Il-Kunsill ta' Sħubija għandu jikkonsisti f'rappreżentanti tal-partijiet fil-livell ministerjali, li jiltaqgħu f'intervalli regolari, mill-inqas darba fis-sena, u meta ċ-ċirkustanzi jeħtieġu dan. L-Artikolu 362(4) tal-FSKM jistipula li l-Kunsill ta' Sħubija għandu jadotta r-Regoli tal-Proċedura tiegħu stess. Il-Kunsill ta' Sħubija għandu jkun assistit fit-twettiq tal-kompiti tiegħu minn Kumitat ta' Sħubija, stabbilit skont l-Artikolu 363 tal-FSKM u li

[9] Dan il-ftehim qafas kellu jissostitwixxi l-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti 'l waħda, u r-Repubblika ta' l-Armenja mill-parti l-oħra (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 55, p. 57).

[10] Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/104 tal-20 ta' Novembru 2017 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ (ĠU 2018, L 23, p. 1).

[11] Skont l-Artikolu 362(6) tal-FSKM, il-Kunsill ta' Sħubija għandu jagħti d-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu bi qbil komuni bejn il-partijiet wara t-twettiq tal-proċeduri interni rispettivi.

jikkonsisti f'rappreżentanti tal-partijiet fil-livell ta' uffiċjali għolja (iktar 'il quddiem il-"Kumitat ta' Sħubija"). Skont l-Artikolu 363(4) tal-FSKM, il-Kunsill ta' Sħubija għandu jiddefinixxi, fir-Regoli tal-Proċedura tiegħu, id-dmirijiet u l-funzjonament ta' dan il-kumitat. Skont l-Artikolu 364 tal-FSKM, il-Kunsill ta' Sħubija jista' jiddeċiedi li jistabbilixxi sottokumitati jew korpi speċjalizzati oħra, inkarigati sabiex jassistuh f'oqsma partikolari, u huwa għandu jiddetermina l-kompożizzjoni, id-dmirijiet u l-funzjonament tagħhom.

B. Id-deċiżjonijiet ikkontestati

9. Id-deċiżjonijiet ikkontestati jikkonċernaw l-adozzjoni tar-Regoli tal-Proċedura tal-Kunsill ta' Sħubija, tal-Kumitat ta' Sħubija, tas-sottokumitati u ta' korpi oħra stabbiliti mill-Kunsill ta' Sħubija, kif ukoll l-istabbiliment tal-lista tas-sottokumitati (iktar 'il quddiem, flimkien, ir-"Regoli tal-Proċedura").

10. Fid-29 ta' Novembru 2018, ir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni adottaw proposta konġunta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Sħubija, dwar l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet dwar ir-Regoli tal-Proċedura (iktar 'il quddiem il-"proposta konġunta")[12]. Din il-proposta kienet fost l-oħrajn ibbażata fuq l-Artikolu 37 TUE bħala bażi legali sostantiva.

11. Fid-19 ta' Lulju 2019, il-Kummissjoni ppreżentat proposta emendata għal Deċiżjoni tal-Kunsill, li fiha kienu tneħħew ir-riferimenti għar-Rappreżentant Għoli u għall-Artikolu 37 TUE bħala bażi legali sostantiva[13] (iktar 'il quddiem il-"proposta emendata"). Din il-proposta kienet ibbażata fuq l-Artikolu 218(9) TFUE, bħala bażi legali proċedurali, u fuq l-Artikolu 91 u l-Artikolu 100(2) TFUE, kif ukoll fuq l-Artikoli 207 u 209 TFUE, bħala bażijiet legali sostantivi. Fil-motivi ta' din id-deċiżjoni, ġie spjegat li t-tneħħija tal-Artikolu 37 TUE bħala bażi legali sostantiva kienet iġġustifikata b'mod partikolari fid-dawl tas-sentenza Kazakistan.

12. Fl-4 ta' Diċembru 2019, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Coreper) iddeċieda li jaqsam l-att ġuridiku li għandu jiġi adottat f'żewġ deċiżjonijiet tal-Kunsill, waħda bbażata fuq l-Artikolu 37 TUE u li tirrigwarda biss it-Titolu II tal-FSKM, li jirrigwarda l-kooperazzjoni fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà, u l-oħra bbażata fuq bażijiet legali differenti mill-PESK u li tirrigwarda l-FSKM kollu bl-eċċezzjoni tat-Titolu II tiegħu.

13. Fis-17 ta' Frar 2020, il-Kunsill adotta d-deċiżjonijiet ikkontestati flimkien. Id-Deċiżjoni 2020/245 ġiet adottata fuq il-bażi tal-Artikolu 91 TFUE u tal-Artikolu 100(2) TFUE kif ukoll tal-Artikolu 207 TFUE u tal-Artikolu 209 TFUE, b'rabta mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 218(8) TFUE, u mal-Artikolu 218(9) TFUE. Id-Deċiżjoni 2020/246, min-naħa l-oħra, ġiet adottata abbażi tal-Artikolu 37 TUE, b'rabta mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(8) TFUE u mal-Artikolu 218(9) TFUE. L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2020/245 jipprevedi li "[i]l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Sħubija stabbilit mill-[FSKM], fir-rigward

[12] Proposta Konġunta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Sħubija stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, fuq in-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, fuq in-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet dwar ir-regoli ta' proċedura tal-Kunsill ta' Sħubija, tal-Kumitat ta' Sħubija u dawk tas-sottokumitati speċjalizzati jew kwalunke korp ieħor (JOIN (2018) 29 final).

[13] Proposta emendata għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Sħubija stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, fuq in-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, fuq in-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet dwar ir-regoli ta' proċedura tal-Kunsill ta' Sħubija, tal-Kumitat ta' Sħubija u dawk tas-sottokumitati speċjalizzati jew kwalunke korp ieħor (COM(2019) 345 final).

tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura […], għall-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim għajr it-Titolu II tiegħu, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Sħubija". L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2020/246 jipprevedi li "[i]l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Sħubija stabbilit mill-[FSKM], fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura […], għall-applikazzjoni tat-Titolu II ta' dak il-Ftehim, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Sħubija".

14. Permezz ta' żewġ dikjarazzjonijiet, inklużi fil-minuti redatti mill-Kunsill fl-4 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni u r-Repubblika Ċeka enfasizzaw in-natura, fil-fehma tagħhom, legalment żbaljata tal-użu tal-bażi legali tal-Artikolu 37 TUE għal waħda miż-żewġ deċiżjonijiet tal-Kunsill[14]. Permezz ta' dikjarazzjoni, inkluża fl-istess minuti tal-Kunsill, l-Ungerija esprimiet ukoll "ir-riżervi tagħha dwar l-adozzjoni ta' żewġ deċiżjonijiet distinti dwar il-pożizzjoni tal-UE", mingħajr, madankollu, ma kkontestat il-bażi legali tal-Artikolu 37 TUE[15]. Dawn iż-żewġ Stati Membri ddeċidew li jastjenu milli jivvotaw.

IV. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet

15. Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-24 ta' April 2014, il-Kummissjoni ppreżentat ir-rikors għal annullament li huwa s-suġġett ta' dawn il-konklużjonijiet. Ir-Repubblika Ċeka u r-Repubblika Franċiża ġew awtorizzati jintervjenu insostenn, rispettivament, tal-Kummissjoni u tal-Kunsill.

16. Il-Kummissjoni, sostnuta mir-Repubblika Ċeka, titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tannulla d-deċiżjonijiet ikkontestati, iżżomm l-effetti tagħhom u tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

17. Il-Kunsill jitlob, prinċipalment, li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tiċħad ir-rikors u tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż, u, sussidjarjament, fil-każ ta' annullament tad-deċiżjonijiet ikkontestati, li jinżammu l-effetti tagħhom. Ir-Repubblika Franċiża titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tiċħad ir-rikors tal-Kummissjoni.

V. Analiżi

18. Il-Kummissjoni tqajjem żewġ motivi insostenn tar-rikors tagħha.

A. Fuq l-ewwel motiv

1. Sunt qasir tal-argumenti tal-partijiet

19. Fil-kuntest tal-ewwel motiv tagħha, li jokkupa l-parti essenzjali tal-proċedura f'dan il-każ, il-Kummissjoni tikkritika lill-Kunsill, l-ewwel, fir-rigward tal-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2020/245 tat-Titolu II tal-FSKM, it-tieni, fir-rigward tal-għażla

[14] Ara l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, rendikont imqassar tal-4 ta' Marzu 2020 (6517/20; CRS CRP 9), Coreper, tat-12 u l-14 ta' Frar 2020, Anness Coreper tat-12 ta' Frar 2020, punt 38.

[15] Ara l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, rendikont imqassar tal-4 ta' Marzu 2020 (6517/20; CRS CRP 9), Coreper, tat-12 u l-14 ta' Frar 2020, Anness Coreper tat-12 ta' Frar 2020, punt 38.

tal-Artikolu 37 TUE bħala bażi legali sostantiva tad-Deċiżjoni 2020/246 u, it-tielet, fir-rigward taż-żieda, bħala bażi legali proċedurali ta' din id-deċiżjoni, tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(8) TFUE.

20. Il-Kummissjoni ssostni li, billi għażel l-Artikolu 37 TUE bħala bażi legali sostantiva tad-Deċiżjoni 2020/246, il-Kunsill emenda r-regola ta' vot li, fin-nuqqas ta' dan, kienet tkun applikabbli bis-saħħa tat-Trattati u injora l-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-għażla tal-bażi legali tal-atti tal-Unjoni. Skont il-Kummissjoni, minn din il-ġurisprudenza u, b'mod partikolari, mis-sentenza Kazakistan jirriżulta li deċiżjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 218(9) TFUE, li permezz tagħha l-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni f'korp maħluq minn ftehim internazzjonali, għandha tiġi adottata b'maġġoranza kkwalifikata meta ċ-ċentru ta' gravità ta' dan il-ftehim ikun ikkostitwit minn qasam li għalih il-bażijiet legali sostantivi jeħtieġu l-maġġoranza kkwalifikata. Il-Kummissjoni ssostni li l-FSKM jikkonċerna prinċipalment l-oqsma tal-kummerċ, tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp u tal-kummerċ tas-servizzi ta' trasport, li għalihom hija ddedikata l-maġġoranza l-kbira tal-artikoli ta' dan il-ftehim. Id-disa' artikoli inklużi taħt it-Titolu II tal-imsemmi ftehim, li jirrigwardaw il-kooperazzjoni fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà, għandhom natura purament anċillari meta mqabbla mal-FSKM kollu u għalhekk ma humiex suffiċjenti sabiex jiġġustifikaw bażi legali li taqa' taħt il-PESK għalih kollu. Insostenn ta' din il-konklużjoni, il-Kummissjoni ssostni li, fis-sentenza Kazakistan, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li d-dispożizzjonijiet tat-Titolu II tal-Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Każakistan, min-naħa l-oħra[16] (iktar 'il quddiem il-"Ftehim mal-Kazakistan"), paragunabbli, fil-kontenut u fin-numru, ma' dawk tat-Titolu II tal-FSKM, ma jiġġustifikawx l-għażla tal-Kunsill li juża l-Artikolu 37 TUE bħala bażi legali sostantiva ta' deċiżjoni tal-istess tip bħad-deċiżjonijiet ikkontestati.

21. Il-Kunsill, sostnut mir-Repubblika Franċiża, ma jikkontestax li l-qasam li taħtu jaqgħu d-deċiżjonijiet ikkontestati għandu jiġi evalwat fid-dawl tal-FSKM. Madankollu, huwa jsostni li l-għażla tal-bażi legali ta' att tal-Unjoni, inkluż ta' att li jirrigwarda ftehim internazzjonali, għandha tkun ibbażata fuq elementi oġġettivi li jistgħu jkunu suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju, li fosthom hemm il-kontenut kif ukoll l-iskop ta' dan l-att. Skont il-Kunsill, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-eżami tal-għanijiet tal-ftehim huwa essenzjali sabiex tiġi stabbilita r-relazzjoni li teżisti bejn id-dispożizzjonijiet tiegħu li għandhom rabtiet ma' diversi oqsma ta' azzjoni tal-Unjoni u li huwa biss fit-tieni lok li għandha tiġi eżaminata l-portata tal-obbligi inklużi f'dawn id-dispożizzjonijiet, jiġifieri l-kontenut tagħhom. Issa, l-argumenti mressqa mill-Kummissjoni bl-ebda mod ma jieħdu inkunsiderazzjoni l-iskopijiet tal-FSKM u tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tiegħu, iżda jiffokaw esklużivament fuq il-kontenut tagħhom. F'dan il-każ, il-Kunsill jikkunsidra li l-analiżi tal-għanijiet tad-dispożizzjonijiet li jinsabu fit-Titolu II tal-FSKM turi li dawn tal-aħħar ma humiex sekondarji u indiretti meta mqabbla mad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan il-ftehim. Barra minn hekk, kuntrarjament għal dak li tallega l-Kummissjoni, il-FSKM u l-Ftehim mal-Kazakistan għandhom differenzi fundamentali fir-rigward tad-definizzjoni tal-għanijiet tagħhom u, għaldaqstant, tan-natura ġuridika tagħhom. F'dan ir-rigward, il-Kunsill josserva li l-FSKM jinkludi, fl-Artikolu 1 tiegħu, tal-inqas għan sostantiv supplimentari wieħed, assenti mill-Ftehim mal-Kazakistan, jiġifieri, l-għan intiż li tissaħħaħ is-sħubija politika komprensiva (punt a) u li jiġi promoss l-istabbiliment ta' relazzjonijiet politiċi mill-qrib bejn il-partijiet (punt b). Barra minn hekk, uħud mill-għanijiet ġenerali msemmija fl-Artikolu 1 tal-FSKM huma tradotti mill-Artikolu 3 ta' dan il-ftehim f'numru ta' għanijiet iktar preċiżi, imfittxija speċifikament mid-dispożizzjonijiet tat-Titolu II

[16] ĠU 2016, L 29, p. 1.

tal-imsemmi ftehim. B'mod partikolari, l-għan intiż li tiżdied l-effikaċja tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà, li l-Artikolu 3(1) tal-FSKM jistabbilixxi bħala l-għan ġenerali tad-djalogu politiku mal-Armenja, li madwaru jduru l-għanijiet l-oħra kollha mfittxija mill-imsemmi djalogu, jikkostitwixxi għan distint, li ma jistax jitqies li huwa anċillari meta mqabbel mal-għanijiet l-oħra ta' dan il-ftehim. Skont il-Kunsill, għalhekk ftit li xejn hemm dubju li l-għan prinċipali tad-dispożizzjonijiet tat-Titolu II ta' dan il-ftehim huwa l-implimentazzjoni ta' politika li taqa' taħt il-PESK, li l-Unjoni twettaq fil-kuntest tal-kompetenzi mogħtija lilha skont il-Kapitolu II tat-Titolu V TUE. Din il-konklużjoni, ibbażata fuq analiżi tal-iskopijiet tad-dispożizzjonijiet tat-Titolu II ta' dan il-ftehim ma tistax tiġi kkontestata permezz ta' argumenti relatati sempliċement mal-kontenut tagħhom u, b'mod partikolari, mal-valur allegatament dikjaratorju tagħhom. Fil-fatt, minn naħa, mid-dispożizzjonijiet inkwistjoni jirriżulta li ż-żamma ta' djalogu politiku regolari tikkostitwixxi l-mod kif il-kooperazzjoni għandha tiġi implimentata u, min-naħa l-oħra, ma jeżisti ebda element fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li jippermetti li jiġi konkluż li dispożizzjonijiet li jipprevedu kooperazzjoni fil-forma ta' djalogu ma jistgħux, fihom innifishom, jikkostitwixxu komponent indipendenti meta dawn ifittxu għanijiet ta' sigurtà u ta' politika estera.

2. Evalwazzjoni

a) Stat tal-ġurisprudenza rilevanti

22. Sabiex jiġu ssodisfatti rekwiżiti ta' ċarezza, ta' koerenza u ta' raġonevolezza, l-Artikolu 218 TFUE jipprevedi proċedura unifikata u ta' portata ġenerali li tirrigwarda, b'mod partikolari, in-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali li l-Unjoni hija kompetenti sabiex tikkonkludi fl-oqsma ta' azzjoni tagħha, inkluża l-PESK, sakemm it-Trattati ma jipprevedux proċeduri speċjali[17] Fil-kuntest ta' din il-proċedura, l-Artikolu 218(9) TFUE, jistabbilixxi proċedura ssemplifikata għall-finijiet, b'mod partikolari, tad-definizzjoni tal-pożizzjonijiet li għandhom jittieħdu f'isem l-Unjoni fir-rigward tal-parteċipazzjoni tagħha fl-adozzjoni, fi ħdan il-korp deċiżjonali stabbilit mill-ftehim internazzjonali kkonċernat, ta' atti li japplikaw jew jimplimentaw dan tal-aħħar[18] Peress li din id-dispożizzjoni ma tipprevedi ebda regola ta' vot għall-adozzjoni mill-Kunsill ta' din il-kategorija ta' deċiżjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li huwa b'riferiment għall-Artikolu 218(8) TFUE li r-regola ta' vot applikabbli għandha, f'kull każ inkwistjoni, tiġi ddeterminata. F'dan ir-rigward, hija ppreċiżat li, fl-ipoteżi fejn tali deċiżjoni ma tissodisfa ebda wieħed mill-każijiet li fihom it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(8) TFUE jirrikjedi vot b'unanimità, huwa, bħala prinċipju, konformement mad-dispożizzjonijiet magħquda tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 218(8) u tal-Artikolu 218(9) TFUE, filwaqt li jiddeċiedi b'maġġoranza kkwalifikata, li l-Kunsill għandu jadotta l-imsemmija deċiżjoni[19].

23. L-ewwel każ li fih it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(8) TFUE jirrikjedi li l-Kunsill jiddeċiedi b'unanimità jirrigwarda l-ipoteżi li fiha l-ftehim jirrigwarda qasam li għalih hija meħtieġa l-unanimità għall-adozzjoni ta' att tal-Unjoni, fejn dan il-każ jistabbilixxi għalhekk rabta bejn il-bażi legali sostantiva ta' deċiżjoni meħuda skont l-imsemmi artikolu u r-regola ta'

[17] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2014, Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-658/11, EU:C:2014:2025, punt 52), u s-sentenza Kazakistan (punt 21).

[18] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, Il-Kunsill vs Il-Kummissjoni (C-73/14, EU:C:2015:663, punt 65), u s-sentenza Kazakistan (punt 25).

[19] Sentenza tal-25 ta' Ottubru 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (CMR-15), (C-687/15, EU:C:2017:803, punt 51), u s-sentenza Kazakistan (punti 25 u 27).

vot applikabbli għall-adozzjoni tagħha. Dan huwa l-każ fir-rigward tal-PESK, peress li l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 31(1) TUE jipprevedi, b'mod partikolari, li d-deċiżjonijiet li jaqgħu taħt il-Kapitolu 2 tat-Titolu V tat-Trattat UE għandhom jittieħdu b'unanimità, bl-eċċezzjoni tal-każijiet fejn l-imsemmi kapitolu jipprovdi mod ieħor [20].

24. Sabiex jiġi ddeterminat jekk deċiżjoni adottata fil-kuntest iddefinit fl-Artikolu 218(9) TFUE effettivament tirrigwardax qasam li għalih l-unanimità hija meħtieġa għall-adozzjoni ta' att tal-Unjoni u għandha, għaldaqstant, fid-dawl tal-ewwel każ imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(8) TFUE, tiġi adottata b'unanimità, hemm lok li jsir riferiment għall-bażi legali sostantiva tagħha [21].

25. Skont ġurisprudenza stabbilita, l-għażla tal-bażi legali ta' att tal-Unjoni għandha tkun ibbażata fuq elementi oġġettivi li jistgħu jkunu suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju, li fosthom hemm l-iskop u l-kontenut ta' dan l-att [22]. Jekk l-eżami ta' att tal-Unjoni juri li dan ifittex żewġ skopijiet jew li għandu żewġ komponenti u jekk wieħed minn dawn l-iskopijiet jew minn dawn il-komponenti jista' jiġi identifikat bħala l-prinċipali filwaqt li l-ieħor huwa biss anċillari, l-att għandu jkun ibbażat fuq bażi legali waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-iskop jew mill-komponent prinċipali jew predominanti. Eċċezzjonalment, jekk, għall-kuntrarju, jiġi stabbilit li l-att ifittex simultanjament diversi għanijiet jew għandu diversi komponenti li huma marbuta b'mod inseparabbli, mingħajr ma wieħed huwa anċillari għal ieħor, b'mod li huma applikabbli diversi dispożizzjonijiet tat-Trattati, tali miżura għandha tkun ibbażata fuq id-diversi bażijiet legali korrispondenti [23]. L-użu ta' bażi legali doppja huwa madankollu eskluż meta l-proċeduri previsti minn waħda u mill-oħra ta' dawn il-bażijiet ikunu inkompatibbli [24].

26. Skont din il-ġurisprudenza, huwa għalhekk iċ-"ċentru ta' gravità" tal-att tal-Unjoni li għandu jiġi eżaminat sabiex jiġi evalwat jekk il-bażi jew bażijiet legali tiegħu ġewx iddeterminati korrettament. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-istess kriterji japplikaw ukoll fir-rigward tad-definizzjoni tal-bażi legali ta' atti tal-Unjoni li jirrigwardaw il-konklużjoni u l-implimentazzjoni ta' ftehim internazzjonali [25].

27. Id-diskussjoni li żviluppat bejn il-partijiet f'din it-tilwima turi diverġenza ta' interpretazzjoni fuq elementi ewlenin differenti tal-"eżami taċ-ċentru ta' gravità" żviluppat mill-Qorti tal-Ġustizzja u titlob il-preċiżazzjonijiet li ġejjin.

28. L-ewwel, fid-dawl tal-iskambji dwar dan is-suġġett bejn il-Kummissjoni, il-Kunsill u r-Repubblika Franċiża, għandu jiġi rrilevat li l-"iskop" u l-"kontenut" tal-att tal-Unjoni inkwistjoni jinsabu fl-istess grad fost l-elementi oġġettivi li jistgħu jkunu suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju li fuqhom għandha tkun ibbażata l-għażla tal-bażi legali tiegħu. Peress li

[20] Ara s-sentenza Kazakistan (punt 29).

[21] Ara s-sentenza Kazakistan (punt 35).

[22] Ara, f'dan is-sens, fost oħrajn, is-sentenzi tas-26 ta' Marzu 1987, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (45/86, EU:C:1987:163, punt 11); tal-11 ta' Ġunju 1991, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-300/89, EU:C:1991:244, punt 10); l-Opinjoni 2/00 (Protokoll ta' Cartagena dwar il-prevenzjoni tar-riskji bijoteknoloġiċi) tas-6 ta' Diċembru 2001 (EU:C:2001:664, punt 22); is-sentenza tal-14 ta' Ġunju 2016, Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-263/14, EU:C:2016:435, punt 43); kif ukoll is-sentenza Kazakistan (punt 36).

[23] Ara, f'dan is-sens, fost oħrajn, is-sentenzi tal-10 ta' Jannar 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-178/03, EU:C:2006:4, punti 42 u 43); tal-14 ta' Ġunju 2016, Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-263/14, EU:C:2016:435, punt 44); u s-sentenza Kazakistan (punt 37).

[24] Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-6 ta' Novembru 2008, Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-155/07, EU:C:2008:605, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata). Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li l-Qorti tal-Ġustizzja tillimita l-każ fejn duwalità (jew pluralità) ta' bażijiet legali hija eskluża għall-każijiet ta' inkompatibbiltà ta' proċeduri, bl-esklużjoni tal-każijiet fejn hija biss ir-regola ta' vot li hija differenti; ara s-sentenza tad-19 ta' Lulju 2012, Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-130/10, EU:C:2012:472, punti 45 sa 48).

[25] Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-14 ta' Ġunju 2016, Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-263/14, EU:C:2016:435, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

d-definizzjoni taċ-ċentru ta' gravità ta' tali att hija eżerċizzju prammatiku ħafna, l-ordni li biha l-Qorti tal-Ġustizzja tanalizza dawn iż-żewġ elementi u l-importanza li hija tagħtihom fil-kuntest tal-eżami ta' każ konkret jiddependu prinċipalment miċ-ċirkustanzi tal-każ u ma tippermettix spekulazzjoni fuq in-natura iktar jew inqas "essenzjali" ta' element jew ta' ieħor, jew fuq ġerarkija eventwali bejniethom.

29. Huwa minnu li ċerti applikazzjonijiet tal-eżami taċ-ċentru ta' gravità għal atti relatati mal-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali jidhru li jirrikonoxxu importanza ikbar lit-tfittxija tal-għan tal-att. B'hekk, fl-Opinjoni 1/78 [26], il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-klassifikazzjoni ta' ftehim "għandha ssir b'teħid inkunsiderazzjoni tal-għan essenzjali tiegħu u mhux skont klawżoli partikolari", li, peress li huma ta' natura anċillari jew awżiljarja, jibqgħu assorbiti mill-imsemmi għan essenzjali. L-istess linja ta' raġunament ġiet segwita mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi tat-3 ta' Diċembru 1996, Il-Portugall vs Il-Kunsill [27] (iktar 'il quddiem is-"sentenza Il-Portugall vs Il-Kunsill") u tal-11 ta' Ġunju 2014, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill [28] (iktar 'il quddiem is-"sentenza Filippini"), sabiex tiddetermina l-għan ta' ftehim ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp u ta' ftehim qafas dwar sħubija u kooperazzjoni rispettivament. Madankollu, minn naħa, tali approċċ ma jneħħix l-importanza kollha tal-eżami tal-kontenut tal-ftehim, peress li dan l-eżami jista' wkoll iwassal konkretament għall-identifikazzjoni, fid-dawl tal-portata tal-obbligi previsti minn dispożizzjonijiet individwali tal-ftehim, ta' komponenti distinti, li jeħtieġu ż-żieda ta' bażijiet legali oħra [29]. Min-naħa l-oħra, kif irrileva l-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża li tat lok għas-sentenza Filippini [30], il-linja ġurisprudenzjali msemmija iktar 'il fuq hija biss "varjazzjoni" tar-regoli ġenerali li għandhom jiġu segwiti fid-determinazzjoni tal-bażi legali ta' att tal-Unjoni, stabbiliti fil-punt 25 ta' dawn il-konklużjonijiet, li ma titbigħedx minnhom [31]. Fi kwalunkwe każ, dan l-approċċ jidher li huwa kkontrobilanċjat permezz ta' użu dejjem iktar frekwenti mill-Qorti tal-Ġustizzja ta' raġunament iffokat b'mod iktar speċifiku fuq l-eżami tal-kontenut tal-ftehim [32], mingħajr, min-naħa tiegħu, dan ma jimplika t-tneħħija tal-eżami tal-iskopijiet tal-att.

30. It-tieni, minbarra l-iskop u l-kontenut tiegħu, elementi oġġettivi oħra jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ddeterminat iċ-ċentru ta' gravità ta' att tal-Unjoni, hekk kif jirriżulta b'mod ċar mill-kliem użat mill-Qorti tal-Ġustizzja u riprodott fil-punt 25 ta' dawn il-konklużjonijiet. B'mod partikolari, fir-rigward ta' atti li jikkonċernaw il-konklużjoni u l-implimentazzjoni ta' ftehim internazzjonali, fost dawn l-elementi hemm, b'mod partikolari, il-kuntest li taħtu l-imsemmi att jaqa' u ġie adottat [33]. Filwaqt li l-importanza ta' dan l-element neċessarjament tvarja skont it-tip ta' att u l-kategorija ta' ftehim inkwistjoni, l-eżami tal-kuntest jista' jkollu rwol ċentrali fl-analiżi tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif kien, pereżempju, il-każ fis-sentenza tal-20 ta' Novembru 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (ŻPB Antartiku) [34]. Għall-kuntrarju,

[26] Opinjoni 1/78 (Ftehim internazzjonali dwar il-gomma naturali), tal-4 ta' Ottubru 1979 (EU:C:1979:224).

[27] C-268/94 EU:C:1996:461, punti 37 sa 39.

[28] C-377/12, EU:C:2014:1903, punti 35 sa 39.

[29] Ara, *a contrario*, is-sentenza Filippini, punti 56 u 59.

[30] C-377/12, EU:C:2014:29, punti 25 sa 28.

[31] Ara l-punti 25 sa 27.

[32] Ara, pereżempju, is-sentenzi tat-18 ta' Lulju 2013, Daiichi Sankyo u Sanofi-Aventis Deutschland (C-414/11, EU:C:2013:520, punti 52 sa 60); tat-22 ta' Ottubru 2013, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-137/12, EU:C:2013:675, punti 58 sa 65); u s-sentenza Kazakistan (punti 42 sa 45).

[33] Ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-26 ta' Settembru 2013, Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill (C-431/11, EU:C:2013:589, punti 48 *et seq*.); tas-27 ta' Frar 2014, Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill (C-656/11, EU:C:2014:97, punt 50); tat-18 ta' Diċembru 2014, Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill (C-81/13, EU:C:2014:2449, punt 38); u tal-20 ta' Novembru 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-626/15 u C-659/16, EU:C:2018:925, punti 76 u 87).

[34] C-626/15 u C-659/16, EU:C:2018:925, punti 88 sa 94; ara wkoll is-sentenza tal-14 ta' Ġunju 2016, Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-263/14, EU:C:2016:435, punt 51), fejn ir-riferiment għall-kuntest intuża sabiex jiġi stabbilit l-għan tal-miżura inkwistjoni.

il-konvinzjoni tal-awtur tal-att [35] jew l-"evalwazzjoni suġġettiva u l-intenzjonijiet politiċi ġenerali tal-atturi li jkunu qegħdin jaġixxu" [36] ma għandhomx rilevanza fir-rigward tal-għażla tal-bażi legali, minħabba n-nuqqas ta' oġġettività tagħhom.

31. It-tielet, mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 25 ta' dawn il-konklużjonijiet jirriżulta li s-sempliċi konstatazzjoni li att tal-Unjoni ifittex diversi skopijiet jew għandu diversi komponenti ma hijiex biżżejjed waħedha sabiex tibbaża dan l-att fuq diversi bażijiet legali. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja bbażat l-eżami taċ-ċentru ta' gravità fuq regoli preċiżi ħafna li jidħlu inkwistjoni fil-każ ta' pluralità ta' skopijiet jew ta' komponenti u li jipprevedu jew li tinżamm il-bażi legali meħtieġa mill-iskop jew mill-komponent prinċipali jew predominanti, fatt li jimplika li l-iskop jew l-iskopijiet jew il-komponent jew il-komponenti l-oħra jiġu kklassifikati bħala anċillari, jew, meta tali relazzjoni bejn skopijiet jew komponenti prinċipali u anċillari tkun nieqsa, li jintużaw id-diversi bażijiet legali korrispondenti għad-diversi skopijiet jew komponenti tal-att li huma marbuta b'mod indissoċjabbli bejniethom.

32. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, fis-sentenza Filippini, li segwiet fid-dawl tas-sentenza Il-Portugall vs Il-Kunsill, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, fir-rigward tad-deċiżjoni ta' ffirmar ta' ftehim qafas ta' sħubija u ta' kooperazzjoni, li dan l-eżami jimplika, qabel kollox, li jiġi ddeterminat jekk id-dispożizzjonijiet tal-ftehim li jistgħu jkunu marbuta ma' politiki tal-Unjoni minbarra dik identifikata bħala predominanti jistgħux jaqgħu wkoll taħtha jew jekk dawn jeċċedux il-kuntest ta' din il-politika u, għaldaqstant, jeħtieġu li din id-deċiżjoni tkun ibbażata fuq bażijiet legali addizzjonali [37], u, sussegwentement, li jiġi vverifikat jekk dawn id-dispożizzjonijiet ma jinkludux obbligi ta' tali portata li dawn jikkorrispondu għal għanijiet distinti minn dawk li huma marbuta mal-politika tal-Unjoni identifikata bħala predominanti.

33. Ir-raba', il-Qorti tal-Ġustizzja ħadet ħsieb tippreċiża li pluralità ta' bażijiet legali għandha tiġi kkunsidrata biss b'mod eċċezzjonali. Huwa minnu li, wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona u tal-Artikolu 40 TUE, li ż-żewġ paragrafi tiegħu jipprevedu klawżoli ta' nuqqas ta' effett reċiproku tal-proċeduri u tal-kompetenzi rispettivi tal-istituzzjonijiet fl-oqsma tal-PESK u tal-politiki li jaqgħu taħt it-Trattat FUE [38], il-kumulu eventwali bejn bażijiet legali li jaqgħu taħt dan it-Trattat u l-PESK ma jidhirx, *a priori*, eskluż, kif dan kien qabel il-każ, skont l-Artikolu 47 UE, bejn bażijiet legali li jaqgħu taħt it-Trattat KE u l-PESK [39]. Barra minn hekk, tali kumulu ġie impliċitament ammess mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Kazakistan. Xorta jibqa' l-fatt li huwa rari ħafna li l-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat kumulu ta' bażijiet legali [40].

[35] F'dan is-sens, ara, b'mod partikolari, l-Opinjoni 2/00 (Protokoll ta' Cartagena dwar il-prevenzjoni tar-riskji bijoteknoloġiċi) tas-6 ta' Diċembru 2001 (EU:C:2001:664, punt 22).

[36] Ara l-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Kokott fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (Ftehim mal-Kazakistan) (C-244/17, EU:C:2018:364, punt 53).

[37] Ara s-sentenza Filippini, punt 35.

[38] Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 40 TUE, "[l]-implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni m'għandhiex tolqot l-applikazzjoni tal-proċeduri u l-firxa rispettiva tal-kompetenzi ta' l-istituzzjonijiet stabbiliti fit-Trattati għall-eżerċizzju tal-kompetenzi ta' l-Unjoni msemmija fl-Artikoli 3 sa 6 E tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea". It-tieni paragrafu ta' dan l-artikolu jipprovdi li, "[b]l-istess mod, l-implimentazzjoni tal-politika prevista f'dawk l-Artikoli m'għandhiex tolqot l-applikazzjoni tal-proċeduri u l-firxa rispettiva tal-kompetenzi ta' l-istituzzjonijiet stabbiliti fit-Trattati għall-eżerċizzju tal-kompetenzi ta' l-Unjoni taħt dan il-Kapitolu".

[39] Ara s-sentenza tal-20 ta' Mejju 2008, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-91/05, EU:C:2008:288, punti 76 u 77).

[40] Ara s-sentenzi tal-10 ta' Jannar 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (Konvenzjoni ta' Rotterdam) (C-94/03, EU:C:2006:2, punt 51); tal-10 ta' Jannar 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u Il-Kunsill (Importazzjoni ta' prodotti kimiċi perikoluż) (C-178/03, EU:C:2006:4, punt 56); tal-20 ta' Mejju 2008, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (Armi ta' kalibru żgħir) (C-91/05, EU:C:2008:288, punti 99, 108 u 109); u tas-6 ta' Novembru 2008, Il-Parlament vs Il-Kunsill (Telf tal-Bank Ewropew tal-Investiment) (C-155/07, EU:C:2008:605, punt 84). Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Kokott fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (Ftehim mal-Kazakistan) (C-244/17, EU:C:2018:364, punt 63).

34. Is-sentenza Kazakistan għamlet kjarifiki importanti għall-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 25 ta' dawn il-konklużjonijiet.

35. L-ewwel, f'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat għal darba oħra l-applikazzjoni tal-eżami taċ-ċentru ta' gravità – użat fil-ġurisprudenza klassika tagħha dwar l-għażla tal-bażi legali – anki meta din l-għażla għandha ssir, fil-kuntest tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, bejn bażijiet legali PESK u dawk mhux PESK[41]. B'riferiment, b'mod partikolari, għan-natura unitarja tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 218 TFUE, li huma stess jikkunsidraw l-ispeċifiċitajiet tal-PESK, filwaqt li jirriflettu l-ekwilibriju istituzzjonali stabbilit mit-Trattat għal kull qasam ta' azzjoni tal-Unjoni[42], il-Qorti tal-Ġustizzja tafferma impliċitament li ma huwiex iġġustifikat li jiġi rriżervat trattament speċjali għal dan it-tip ta' kontenzjuż fuq il-bażi legali, u b'hekk ikkonfermat gwida ġurisprudenzjali iktar ġenerali intiża li tagħti effett sħiħ lill-"integrazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-PESK fil-kuntest ġenerali tad-dritt tal-Unjoni" mixtieqa mit-Trattat ta' Lisbona[43]. Filwaqt li ma tikkwotax l-Artikolu 40 TUE, il-Qorti tal-Ġustizzja tidher, fis-sentenza Kazakistan, taċċetta b'mod impliċitu l-qari ta' din id-dispożizzjoni ssuġġerita mill-Avukata Ġenerali Kokott fil-konklużjonijiet tagħha[44], skont liema, iż-żewġ klawżoli ta' nuqqas ta' effett fl-ewwel u fit-tieni paragrafu ta' dan l-artikolu huma fformulati b'mod simetriku u ma jippermettux, għalhekk, li tingħata prijorità favur il-kompetenzi li jaqgħu taħt il-PESK jew dawk li jaqgħu taħt it-Trattat FUE. Tali qari neċessarjament jitlob, fil-qasam tal-għażla tal-bażi legali, l-applikazzjoni ta' eżami "newtrali", bħal dak taċ-ċentru ta' gravità, li jirrikonoxxi valur ugwali għall-PESK – filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni r-regoli u l-proċeduri speċifiċi li għalihom hija suġġetta din il-politika – u għall-azzjonijiet esterni l-oħra tal-Unjoni li jaqgħu taħt it-Trattat FUE.

36. Għalhekk, fil-punt 38 tas-sentenza Kazakistan, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, bħal dak li jirrigwarda d-deċiżjoni li tikkonkludi ftehim internazzjonali mill-Unjoni, deċiżjoni li permezz tagħha l-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni f'korp maħluq minn ftehim, taħt l-Artikolu 218(9) TFUE, u li tirrigwarda esklużivament il-PESK, bħala prinċipju għandha tiġi adottata b'unanimità, konformement mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(8) TFUE. Għall-kuntrarju, jekk tali deċiżjoni tinkludi diversi komponenti jew tfittex diversi skopijiet, li whud minnhom jaqgħu taħt il-PESK, ir-regola ta' vot applikabbli għall-adozzjoni tagħha għandha tiġi ddeterminata fir-rigward tal-iskop jew tal-komponent prinċipali jew predominanti tagħha. B'hekk, jekk l-iskop jew il-komponent prinċipali jew predominanti tad-deċiżjoni jaqa' taħt qasam li fir-rigward tiegħu l-unanimità ma hijiex meħtieġa għall-adozzjoni ta' att tal-Unjoni, l-imsemmija deċiżjoni għandha, konformement mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 218(8) TFUE, tiġi adottata b'maġġoranza kkwalifikata. Għaldaqstant, huma l-kriterji klassiċi fil-qasam tad-determinazzjoni tal-bażi legali ta' att tal-Unjoni li għandhom jiġu applikati f'din il-kawża, fatt li barra minn hekk ma huwiex ikkontestat mill-partijiet fit-tilwima.

37. It-tieni, fis-sentenza Kazakistan, il-Qorti tal-Ġustizzja applikat l-eżami taċ-ċentru ta' gravità billi adottat kriterju doppju, "kwantitattiv" u "kwalitattiv", ta' analiżi tal-kontenut tal-ftehim internazzjonali li taħtu jaqa' l-att tal-Unjoni kkonċernat. Għalhekk, minn naħa, fil-punt 44 ta' dik is-sentenza, hija rrilevat li "il-parti l-kbira tad-dispożizzjonijiet [tal-Ftehim mal-Kazakistan], li

41 Ara, f'dan is-sens, wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, is-sentenzi tal-24 ta' Ġunju 2014, Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-658/11, EU:C:2014:2025, punt 43), u tal-14 ta' Ġunju 2016, Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-263/14, EU:C:2016:435, punti 43 u 44).

42 Ara l-punt 24 tas-sentenza Kazakistan.

43 Ara, f'dan is-sens, reċentement, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2020, Bank Refah Kargaran vs Il-Kunsill (C-134/19 P, EU:C:2020:793, punti 47 *et seq.*).

44 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Kokott fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (Ftehim mal-Kazakistan) (C-244/17, EU:C:2018:364, punt 50).

jinkludi 287 artikolu, taqa' kemm taħt il-politika kummerċjali komuni tal-Unjoni, kif ukoll taħt il-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp ta' din tal-aħħar" u, min-naħa l-oħra, fil-punt 45 tal-istess sentenza hija osservat li "id-dispożizzjonijiet [tal-Ftehim mal-Kazakistan] li għandhom rabta mal-PESK […], minbarra li ma humiex numerużi meta mqabbla mad-dispożizzjonijiet kollha ta' dan il-ftehim, huma limitati għal dikjarazzjonijiet tal-partijiet kontraenti fir-rigward tal-għanijiet li għandha tilħaq il-kooperazzjoni tagħhom u fir-rigward tas-suġġetti li għandha tittratta din il-kooperazzjoni, mingħajr ma jiddeterminaw il-modalitajiet konkreti ta' implimentazzjoni ta' din il-kooperazzjoni", filwaqt li rreferiet, b'analoġija, għall-punt 56 tas-sentenza Filippini [45]. Wieħed jista', ċertament, jistaqsi, hekk kif tagħmel ir-Repubblika Franċiża, dwar ir-rilevanza, fl-assolut, tal-kriterji msemmija, b'mod partikolari ta' dak kwantitattiv, fid-dawl tad-differenza bejn l-azzjoni esterna tal-Unjoni fil-qasam ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp u tal-kummerċ, li teħtieġ, b'mod ġenerali, l-istabbiliment ta' regoli ddettaljati u l-adozzjoni ta' numru sinjifikattiv ta' dispożizzjonijiet ta' natura teknika, u l-PESK, li l-implimentazzjoni tagħha tista' ma teħtieġx tali livell ta' dettall. Xorta jibqa' l-fatt li tali kriterju – meta ma jkunx limitat għas-sempliċi konstatazzjoni ta' prevalenza numerika tad-dispożizzjonijiet mhux PESK u meta jiġi applikat flimkien ma' evalwazzjoni "kwalitattiva" tad-dispożizzjonijiet tal-ftehim li għandhom rabta mal-PESK, li tieħu inkunsiderazzjoni n-natura iktar jew inqas operattiva tagħhom – jista' jirriżulta utli, fir-rigward ta' ftehimiet qafas bħal dawk inkwistjoni fil-kawża li tat lok għas-sentenza Kazakistan u f'din il-kawża, sabiex jiżola (jew jeskludi) komponent awtonomu possibbli li jaqa' taħt il-PESK. Dan huwa iktar u iktar il-każ peress li, kif issostni ġustament il-Kummissjoni, wara l-unifikazzjoni, fl-Artikolu 21(2) TUE, tal-għanijiet tal-azzjoni esterna tal-Unjoni mwettqa mit-Trattat ta' Lisbona u fid-dawl tal-obbligu tal-Unjoni, konformement mal-Artikolu 21(3) TUE li tfittex dawn l-għanijiet fil-politiki esterni kollha tagħha, inklużi l-aspetti esterni tal-politiki interni tagħha, applikazzjoni tal-eżami taċ-ċentru ta' gravità bbażata biss jew prinċipalment fuq l-iskopijiet tal-att tista' ma tirriżultax li hija konklużiva biżżejjed. Fil-fatt, minħabba n-natura orizzontali tal-għanijiet tal-azzjoni esterna tal-Unjoni elenkati fl-Artikolu 21(2) TUE u r-riferiment għal dawn l-għanijiet, magħmul mill-Artikolu 23 TUE, fil-qasam tal-PESK, l-identifikazzjoni tal-għanijiet speċifiċi ta' din il-politika tista' tirriżulta diffiċli [46].

38. It-tielet, fis-sentenza Kazakistan, il-Qorti tal-Ġustizzja tiċċara li deċiżjoni, bħad-deċiżjonijiet ikkontestati, li tiddefinixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni f'dak li jirrigwarda l-adozzjoni tar-Regoli tal-Proċedura ta' korpi maħluqa abbażi ta' ftehim ta' sħubija tikkonċerna, b'mod ġenerali, il-funzjonament ta' dawn il-korpi. Peress li għandu portata trażversali u ma jirrigwardax biss ċerti materji rregolati fil-kuntest tal-imsemmi ftehim, il-qasam li taqa' taħtu tali deċiżjoni, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-eżami taċ-ċentru ta' gravità, għandu jiġi evalwat fid-dawl tal-ftehim kollu kemm hu [47].

39. Ir-raba', mis-sentenza Kazakistan jirriżulta li l-bażi legali tad-deċiżjoni dwar l-iffirmar tal-ftehim li taħtu jaqa' att adottat għall-implimentazzjoni tiegħu ma għandhiex effett fuq id-determinazzjoni taċ-ċentru ta' gravità ta' dan l-att, tal-inqas meta jeżistu elementi li jwasslu sabiex jitqies li din il-bażi legali ma ġietx iddeterminata b'mod korrett [48].

[45] Nirrileva li kriterju bbażat fuq il-kapaċità tad-dispożizzjonijiet eżaminati li jkunu immedjatament operattivi, billi jiġu previsti l-modalitajiet konkreti tal-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni li huma jipprevedu, kien diġà ġie adottat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tat-3 ta' Diċembru 1996, Il-Portugall vs Il-Kunsill (C-268/94, EU:C:1996:461, punt 40).

[46] Għal tentattiv f'dan is-sens, ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawża Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-658/11, EU:C:2014:41, punti 85 *et seq*.).

[47] Ara s-sentenza Kazakistan, punt 40 u l-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Kokott fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (Ftehim mal-Kazakistan) (C-244/17, EU:C:2018:364, punti 54 u 55).

[48] Ara s-sentenza Kazakistan (punt 43).

40. Huwa fuq il-bażi tal-prinċipji esposti sa issa li għandu jiġi eżaminat l-ewwel motiv.

3. Applikazzjoni għal din il-kawża

41. Kif ġie osservat fil-punt 38 ta' dawn il-konklużjonijiet, mis-sentenza Kazakistan jirriżulta li l-qasam li taqa' taħtu deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni f'dak li jikkonċerna l-istabbiliment tar-Regoli tal-Proċedura tal-korpi maħluqa permezz ta' ftehim ta' sħubija bħal dak inkwistjoni f'din il-kawża għandu jiġi evalwat fid-dawl tal-ftehim kollu kemm hu.

42. Madankollu, f'dan il-każ, hekk kif ġie preċedentement ippreċiżat, il-Kunsill adotta żewġ deċiżjonijiet distinti, li, essenzjalment, għandhom l-istess kontenut, iżda kamp ta' applikazzjoni differenti. L-ewwel waħda tirrigwarda l-ftehim kollu kemm hu bl-esklużjoni tat-Titolu II. It-tieni waħda tirrigwarda dan it-titolu biss. Minkejja din id-diviżjoni, il-Kunsill jidher li jaqbel mal-Kummissjoni fuq il-fatt li ċ-ċentru ta' gravità tad-deċiżjonijiet ikkontestati, inkluża għalhekk id-Deċiżjoni 2020/246, għandu jiġi evalwat abbażi tal-ftehim kollu kemm hu.

43. Inqis ukoll li dan huwa l-uniku approċċ korrett. Fil-fatt, l-adozzjoni ta' żewġ deċiżjonijiet distinti tal-Kunsill, ibbażati fuq żewġ (jew iktar) bażijiet legali differenti, sabiex tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni, fuq suġġett li jikkonċerna *trażversalment ftehim kollu*, bħal fil-każ tal-approvazzjoni ta' atti li jikkonċernaw, b'mod ġenerali, il-funzjonament tal-korpi ta' dan il-ftehim, tista', fi kwalunkwe każ, tiġi ġġustifikata biss jekk il-ftehim, ikkunsidrat fl-intier tiegħu, jipprevedi żewġ (jew diversi) komponenti distinti, li jikkorrispondu għad-diversi bażijiet legali użati għall-adozzjoni tal-imsemmija atti.

44. Għaldaqstant, għandhom jiġu evalwati l-oqsma li taħthom jaqgħu d-deċiżjonijiet ikkontestati, meħuda flimkien, fid-dawl tal-FSKM kollu kemm hu. Preliminarjament, hemm lok li jiġu fformulati t-tliet osservazzjonijiet li ġejjin.

45. L-ewwel, nosserva li l-argument żviluppat mill-Kummissjoni insostenn tar-rikors tagħha huwa bbażat ħafna fuq ix-xebh allegat bejn il-FSKM u l-Ftehim mal-Kazakistan kif ukoll fuq is-soluzzjoni adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza li tirrigwarda dan il-ftehim tal-aħħar. Din is-sentenza tikkostitwixxi, hekk kif ġie preċedentement ippreċiżat, ir-raġuni stess li wasslet għall-irtirar tal-proposta konġunta u, finalment, għall-preżentata tar-rikors. Min-naħa tagħhom, l-argumenti mressqa mill-Kunsill huma intiżi li jenfasizzaw id-differenzi bejn il-FSKM u l-Ftehim mal-Kazakistan. Infakkar, madankollu, li l-Qorti tal-Ġustizzja affermat b'mod kostanti li l-bażi legali użata għall-adozzjoni ta' atti oħra tal-Unjoni li għandhom, jekk ikun il-każ, karatteristiċi simili jew rabta stretta mal-att inkwistjoni hija irrilevanti fir-rigward tal-għażla tal-bażi legali ta' dan l-att[49]. Filwaqt li tirrikonoxxi li s-sentenza Kazakistan tikkostitwixxi mingħajr dubju preċedent ta' riferiment għall-analiżi ta' din il-kawża, jeħtieġ madankollu li din ir-regola tittieħed inkunsiderazzjoni meta jiġu analizzati l-kontenut u l-iskop tal-FSKM.

46. It-tieni, nirrileva li mis-sentenza Kazakistan jirriżulta (punt 39 ta' dawn il-konklużjonijiet) li, kuntrarjament għal dak li l-Kunsill jidher li qiegħed isostni, il-fatt li d-Deċiżjoni ta' ffirmar hija bbażata, fost l-oħrajn, fuq l-Artikolu 37 TUE, mingħajr ma l-Kummissjoni kkontestat l-użu ta'

[49] Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-10 ta' Jannar 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (Konvenzjoni ta' Rotterdam) (C-94/03, EU:C:2006:2, punt 50), u tat-18 ta' Diċembru 2014, Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill (Estensjoni ta' regoli tad-dritt soċjali għat-Turkija, C-81/13, EU:C:2014:2449, punt 36). Dan huwa l-każ ukoll, hekk kif tippreċiża l-Avukata Ġenerali Kokott fil-konklużjonijiet tagħha fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (Ftehim mal-Kazakistan) (C-244/17, EU:C:2018:364, punt 53), fir-rigward tad-deċiżjoni ta' ffirmar tal-ftehim li għall-implimentazzjoni tiegħu ġiet adottata d-deċiżjoni kkonċernata.

tali bażi legali sostantiva, ma jistax, waħdu, jiġġustifika l-għażla tal-Kunsill li jibbaża d-Deċiżjoni 2020/246 fuq dan l-artikolu. L-istess japplika għall-fatt li d-deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli sabiex jinnegozjaw l-FSKM kienet ibbażata wkoll fuq l-Artikolu 37 TUE.

47. Dan ippreċiżat, nirrileva li l-FSKM huwa ftehim qafas intiż li jistabbilixxi "firxa wiesgħa ta' kooperazzjoni f'oqsma ta' interess komuni"[50]. L-eżami tal-preambolu juri r-rieda tal-partijiet li jsaħħu r-relazzjonijiet li huma stabbilixxew fil-passat u li jippromwovu kooperazzjoni mill-qrib u intensiva bbażata fuq sħubija ugwali (l-ewwel premessa ta' dan il-ftehim), kif ukoll li jippromwovu iktar l-iżvilupp politiku, soċjoekonomiku u istituzzjonali tar-Repubblika tal-Armenja, billi jkomplu jsaħħu l-osservanza tal-prinċipji demokratiċi u tad-drittijiet tal-bniedem (it-tielet u l-ħames premessa). Hawnhekk hawn żewġ temi fundamentali deskritti. Minn naħa, huma affermati r-rieda tal-partijiet li jkomplu jiżviluppaw djalogu politiku regolari fuq kwistjonijiet bilaterali ta' interess komuni, kif ukoll l-impenn tagħhom li jippromwovu l-paċi u s-sigurtà fuq livell internazzjonali, li jiġġieldu kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva (AQM), li jipprevjenu u jiġġieldu l-korruzzjoni, li jintensifikaw il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu, li jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom fil-qasam tal-migrazzjoni, tal-ażil u tal-ġestjoni tal-fruntieri, kif ukoll li jiftħu fil-ġejjieni djalogu dwar il-kwistjoni tal-viża (b'mod partikolari it-tielet sal-ħames premessa, is-seba', it-tmien, l-għaxar, it-tnax u l-erbatax-il premessa). Min-naħa l-oħra, hija affermata d-determinazzjoni tal-partijiet li japprofondixxu l-kooperazzjoni ekonomika, inkluż fl-oqsma marbuta mal-kummerċ, bil-għan ta' żvilupp futur tal-iskambji kummerċjali u tal-investimenti, filwaqt li jiġu osservati l-prinċipji tal-iżvilupp sostenibbli u tiġi ggarantita l-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem. F'din l-istess linja, il-partijiet jimpenjaw ruħhom li jikkooperaw f'oqsma soċjoekonomiċi oħra ta' interess komuni, bħax-xjenza u t-teknoloġija, l-edukazzjoni u l-kultura, iż-żgħażagħ u l-isport (b'mod partikolari l-ħmistax, id-dsatax, it-tlieta u għoxrin u l-erba' u għoxrin premessa).

48. Kompost minn 386 artikolu, il-FSKM huwa maqsum fi tmien titoli, li jirrigwardaw rispettivament l-għanijiet tiegħu u l-prinċipji ġenerali (Artikoli 1 u 2 tat-Titolu I), id-djalogu u r-riforma politiċi kif ukoll il-kooperazzjoni fil-qasam tal-PESK (Artikoli 3 sa 11 tat-Titolu II), il-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà (Artikoli 12 sa 21 tat-Titolu III), il-kooperazzjoni ekonomika (Artikoli 22 sa 35 tat-Titolu IV), il-politiki oħra ta' kooperazzjoni (Artikoli 36 sa 112 tat-Titolu V), il-kummerċ (Artikoli 113 sa 342 tat-Titolu VI), l-assistenza finanzjarja u d-dispożizzjonijiet kontra l-frodi u ta' kontroll (Artikoli 343 sa 361 tat-Titolu VII) u d-dispożizzjonijiet istituzzjonali, ġenerali u finali (Artikoli 362 sa 386 tat-Titolu VIII).

49. L-għanijiet tal-FSKM, kif esposti fl-Artikolu 1 tiegħu, huma li jsaħħaħ is-sħubija politika u ekonomika komprensiva u l-kooperazzjoni bejn il-partijiet, li jsaħħaħ il-qafas għal djalogu politiku fl-oqsma kollha ta' interess reċiproku, filwaqt li jippromwovi l-iżvilupp ta' relazzjonijiet politiċi fil-qrib bejn il-partijiet, li jikkontribwixxi għat-tisħiħ tad-demokrazija u għall-istabbiltà politika, ekonomika u istituzzjonali fl-Armenja, li jippromwovi, jippreżerva u jsaħħaħ il-paċi u l-istabbiltà fil-livelli reġjonali u internazzjonali, li jtejjeb il-kooperazzjoni fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, li jsaħħaħ il-mobbiltà u l-kuntatti bejn in-nies, li jappoġġja l-isforzi tal-Armenja sabiex tiżviluppa l-potenzjal ekonomiku tagħha permezz ta' kooperazzjoni internazzjonali, li jistabbilixxi kooperazzjoni kummerċjali msaħħa u li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-kooperazzjoni dejjem iktar mill-qrib f'oqsma oħra ta' interess reċiproku. L-Artikolu 2 tal-FSKM jesponi l-prinċipji ġenerali li l-partijiet jimpenjaw ruħhom li josservaw, jiġifieri l-prinċipji demokratiċi, tal-Istat tad-dritt, tad-drittijiet tal-bniedem, tal-ekonomija tas-suq, tal-iżvilupp sostenibbli,

[50] Ara l-ħames premessa tal-FSKM.

tal-kooperazzjoni reġjonali u tal-multilateraliżmu effettiv. Il-partijiet jimpenjaw ruħhom ukoll li jiġġieldu kontra l-korruzzjoni, il-forom differenti ta' kriminalità organizzata tranżnazzjonali, it-terroriżmu u l-proliferazzjoni tal-AQM, sabiex jikkontribwixxu għall-paċi u għall-istabbiltà reġjonali.

50. Il-Kunsill essenzjalment iqis li l-FSKM ifittex skopijiet li jaqgħu taħt il-PESK u li la huma sekondarji u lanqas huma anċillari għall-iskopijiet l-oħra ta' dan il-ftehim. It-Titolu II tiegħu jinkludi dispożizzjonijiet li ma humiex suxxettibbli li jaqgħu taħt il-kuntest strateġiku tal-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp jew tal-politika kummerċjali komuni. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni, filwaqt li tammetti li l-FSKM għandu ċerti rabtiet mal-PESK, tqis li dawn ir-rabtiet ma humiex suffiċjentement sinjifikattiv sabiex jiġġustifikaw bażi legali sostantiva li taqa' taħt il-PESK.

51. It-Titolu II tal-FSKM, taħt it-titolu "Djalogu u riforma politiċi; kooperazzjoni fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà", jinkludi disa' artikoli. L-Artikolu 3 tal-FSKM jelenka l-għanijiet tad-djalogu politiku li l-partijiet jimpenjaw ruħhom li jintensifikaw fl-oqsma kollha ta' interess reċiproku, inkluż dwar il-kwistjonijiet ta' politika estera u ta' sigurtà, u r-riformi interni. Fost dawn l-għanijiet hemm it-tisħiħ tas-sħubija politika (Artikolu 3(b)), il-promozzjoni tal-paċi, tal-istabbiltà u tas-sigurtà internazzjonali (Artikolu 3(c)), it-tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-ġestjoni tal-kriżijiet (Artikolu 3(d)), tal-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal-AQM (Artikolu 3(e)), tal-osservanza tal-prinċipji demokratiċi, tal-Istat tad-dritt, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali (Artikolu 3(g)), tas-sigurtà u tad-difiża (Artikolu 3(h)), kif ukoll l-iżvilupp ta' relazzjonijiet tajba ta' viċinat (Artikolu 3(k)). L-Artikolu 4 tal-FSKM huwa ddedikat għar-riformi interni, li għat-twettiq tagħhom il-partijiet jimpenjaw ruħhom li jikkooperaw, bil-ħsieb li jikkonsolidaw, fost oħrajn, l-istabbiltà u l-effikaċja tal-istituzzjonijiet demokratiċi, l-indipendenza u l-effiċjenza tal-ġudikatura, ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni. L-Artikolu 5 huwa, min-naħa tiegħu, speċifikament iddedikat għall-politika estera u ta' sigurtà. L-Artikolu 5(1) jiddikjara li "[i]l-Partijiet għandhom jintensifikaw id-djalogu u l-kooperazzjoni tagħhom fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà, inkluża l-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni, fir-rikonoxximent tal-importanza li r-Repubblika tal-Armenja tagħti lill-parteċipazzjoni tagħha f'organizzazzjonijiet internazzjonali u formati ta' kooperazzjoni kif ukoll l-obbligi eżistenti tagħha li joħorġu minnhom, u għandhom jindirizzaw kwistjonijiet partikolari ta' prevenzjoni ta' kunflitt u ġestjoni tal-kriżijiet, tnaqqis tar-riskju, ċibersigurtà, riforma tas-settur tas-sigurtà, stabbiltà reġjonali, diżarm, nonproliferazzjoni, kontroll tal-armi u l-kontroll tal-esportazzjoni". Huwa ppreċiżat li "[i]l-kooperazzjoni għandha tkun ibbażata fuq valuri komuni u interessi reċiproċi, u għandha tkun immirata lejn iż-żieda ta' effikaċja, bl-użu ta' fora bilaterali, internazzjonali u reġjonali, b'mod partikolari l-[Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE)]". Fl-Artikolu 6 tal-FSKM hija affermata mill-ġdid il-ħtieġa ta' prosekuzzjoni tar-reati serji ta' portata internazzjonali, inkluż fil-livell tal-Qorti Kriminali Internazzjonali, kif ukoll il-kooperazzjoni bejn il-partijiet għall-prevenzjoni ta' dawn ir-reati. L-Artikolu 7 tal-FSKM ikopri l-kooperazzjoni fil-qasam ta' prevenzjoni tal-kunflitti u ta' ġestjoni tal-kriżi, "b'mod partikolari bil-ħsieb tal-parteċipazzjoni possibbli tar-Repubblika tal-Armenja f'operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-kriżijiet ċivili u militari mmexxija mill-[Unjoni] kif ukoll eżerċizzji u taħriġ relevanti, fuq bażi ta' każ b'każ". L-Artikolu 8 tal-FSKM jipprovdi li "[i]l-Partijiet għandhom jintensifikaw l-isforzi konġunti tagħhom biex itejbu l-kondizzjonijiet għal iktar kooperazzjoni reġjonali billi jippromwovu l-fruntieri miftuħa għall-moviment transfruntier, relazzjonijiet tajba mal-viċinat u l-iżvilupp demokratiku, biex b'hekk jikkontribwixxu għall-istabbiltà u s-sigurtà, u għandhom jaħdmu lejn riżoluzzjoni paċifika ta' kunflitti". Fl-aħħar, l-Artikoli 9 sa 11 tal-FSKM huma ddedikati rispettivament

għall-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra n-nonproliferazzjoni tal-AQM u l-mezzi tal-konsenja tagħhom, għall-ġlieda kontra t-traffikar illegali ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir u għall-ġlieda kontra t-terroriżmu.

52. Huwa paċifiku bejn il-partijiet u ma hemmx dubju li l-FSKM għandu ċerti rabtiet mal-PESK. Għalhekk, minbarra r-riferimenti espressi għal din il-politika li jinsabu fil-preambolu u fl-Artikoli 1 u 3 tal-FSKM, l-Artikoli 5, u 7 sa 11 ta' dan il-ftehim, kif jirriżulta mill-espożizzjoni fil-punt preċedenti, jistgħu kollha jintrabtu mal-PESK [51].

53. Madankollu, jirriżulta, b'mod partikolari, mis-sentenza Kazakistan li l-fatt li ftehim qafas bħal dak inkwistjoni f'din il-kawża juri, fil-preambolu tiegħu u fl-espożizzjoni tal-għanijiet tiegħu, rabtiet mal-PESK u li wħud mid-dispożizzjonijiet tiegħu – anki meta titolu awtonomu li jinsab fil-parti inizjali tal-ftehim huwa ddedikat għalihom – jistgħu jkunu marbuta ma' din il-politika tal-Unjoni jista' ma jkunx biżżejjed sabiex jitqies li l-bażi legali sostantiva ta' kull att adottat għall-implimentazzjoni tiegħu, u li għandu portata trażversali, għandha obbligatorjament tinkludi l-Artikolu 37 TUE. Tali żieda hija ġġustifikata biss, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, jekk l-imsemmija dispożizzjonijiet huma ta' portata tali li jista' jitqies li jikkostitwixxu komponent distint tal-ftehim inkwistjoni u li ma humiex ta' natura anċillari meta mqabbla mal-komponenti l-oħra ta' dan il-ftehim [52].

54. Sabiex tikkonkludi, fis-sentenza Kazakistan, li dan ma kienx il-każ tad-dispożizzjonijiet marbuta mal-PESK inklużi fil-ftehim ta' sħubija konklużż ma' dan il-pajjiż il-Qorti tal-Ġustizzja ma rrikorrietx għall-eżami binarju applikat fis-sentenza Filippini, imfakkar fil-punt 32 ta' dawn il-konklużjonijiet, iżda applikat il-kriterju doppju "kwantitattiv" u "kwalitattiv", imsemmi fil-punt 37 ta' dawn il-konklużjonijiet.

55. Għar-raġunijiet li ser nesponi, inqis li, ikun xi jkun l-eżami applikabbli, il-PESK ma tikkostitwixxix, fl-istruttura tal-FSKM, komponent distint mill-komponenti l-oħra tiegħu li jiġġustifika ż-żieda tal-Artikolu 37 TUE mal-bażi legali sostantiva tal-atti ta' portata trażversali adottati għall-implimentazzjoni tiegħu.

56. Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-eżami segwit mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Filippini, infakkar li l-ewwel parti ta' dan l-eżami hija intiża li tiddetermina jekk id-dispożizzjonijiet tal-ftehim li jistgħu jintrabtu ma' politiki tal-Unjoni minbarra dik identifikata bħala li hija predominanti jistgħux ukoll jaqgħu taħtha jew jekk dawn jeċċedux il-kuntest ta' din il-politika.

57. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-kooperazzjoni għall-iżvilupp, li mingħajr dubju tikkostitwixxi wieħed mill-komponenti tal-FSKM, hija ta' natura pluridimensjonali. Hija ma hijiex limitata għall-miżuri intiżi direttament għall-eradikazzjoni tal-faqar, imsemmija bħala għan prinċipali ta' din il-politika fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 208(1) TFUE, iżda tfittex ukoll l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 21(2) TUE [53], li għalihom jirreferi espressament l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 208(1) TFUE. L-Artikolu 209(2) TFUE jipprevedi, barra minn hekk, li l-Unjoni tista' tikkonkludi mal-pajjiżi terzi kull ftehim utli għat-twettiq tal-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 21 TUE u fl-Artikolu 208 TFUE, u b'hekk jenfasizza l-interrelazzjonijiet eżistenti bejn l-għanijiet ġenerali tal-azzjoni esterna tal-Unjoni u dawk speċifiċi għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp.

[51] Fl-istess sens, ara s-sentenza Kazakistan (punt 42).

[52] Ara s-sentenza Kazakistan (punt 46).

[53] Ara s-sentenza Filippini (punt 37).

58. Fil-ġurisprudenza tagħha preċedenti għat-Trattat ta' Lisbona, li tibqa' rilevanti fid-dawl b'mod partikolari tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 208 TFUE adottata fis-sentenza Filippini [54], il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li l-għanijiet tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp huma wiesgħa, peress li din tal-aħħar ma tirrigwardax biss l-iżvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli tal-pajjiżi terzi kkonċernati, l-inklużjoni armonjuża u progressiva tagħhom fl-ekonomija dinjija kif ukoll il-ġlieda kontra l-faqar, iżda wkoll l-iżvilupp u l-konsolidazzjoni tad-demokrazija u tal-Istat tad-dritt kif ukoll ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali [55]. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet ukoll li l-ġlieda kontra l-proliferazzjoni ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir tista' tiġi kkunsidrata bħala li sservi l-għanijiet tal-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp [56].

59. Din it-tifsira wiesgħa tal-għanijiet ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tirrifletti l-viżjoni tal-Unjoni f'dan il-qasam, stabbilita fil-Konsensus Ewropew il-Ġdid għall-Iżvilupp, iffirmat fis-7 ta' Ġunju 2017 [57] (iktar 'il quddiem il-"Konsensus"), li jikkostitwixxi l-"pilastru tal-politika tal-iżvilupp tal-Unjoni" [58], li jaqa' taħt il-kuntest tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli adottata minn Nazzjonijiet Uniti f'Settembru 2015 [59]. Skont il-Konsensus, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tikkontribwixxi wkoll, fost oħrajn, "għall-appoġġ tad-demokrazija, tal-Istat tad-dritt u tad-drittijiet tal-bniedem, għaż-żamma tal-paċi u għall-prevenzjoni tal-kunflitt, għat-titjib tal-kwalità tal-ambjent u tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali globali, għall-għajnuna lill-popolazzjonijiet, lill-pajjiżi u lir-reġjuni kkonfrontati b'diżastri naturali jew ikkaġunati mill-bniedem, u għall-promozzjoni ta' sistema internazzjonali bbażata fuq kooperazzjoni multilaterali iktar b'saħħitha u governanza globali tajba" [traduzzjoni libera] [60]. Barra minn hekk, fil-punt 14 tal-Konsensus, huwa indikat li d-"djalogu politiku huwa mezz importanti sabiex jiġu promossi l-prinċipji tal-iżvilupp u għandu wkoll dimensjoni preventiva intiża li tiżgura l-osservanza tal-valuri tal-Unjoni Ewropea" [traduzzjoni libera] u li "dan id-djalogu, imwettaq mal-gvernijiet tal-pajjiżi sħab […] ser jikkostitwixxi kuntest ta' azzjoni importanti li jippermetti l-favorizzazzjoni ta' viżjoni komuni, l-eżami b'mod regolari tal-progress milħuq u l-identifikazzjoni tal-miżuri xierqa ta' appoġġ" [traduzzjoni libera].

60. Fl-aħħar, huwa importanti li wieħed jinnota li huwa fil-qafas strateġiku tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp u tal-kooperazzjoni ekonomika, finanzjarja u teknika mal-pajjiżi terzi, prevista fl-Artikolu 212 TFUE, li ġew adottati l-istrumenti ta' appoġġ għall-azzjoni esterna tal-Unjoni għall-perijodu 2014-2020 fl-oqsma, fost oħrajn, tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem [61] u tar-rispons għall-kriżijiet, tal-prevenzjoni tal-kunflitti u tal-konsolidazzjoni tal-paċi fil-pajjiżi msieħba [62]. Huwa f'dan l-istess qafas li l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali ser jiġi adottat għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss

54 Ara s-sentenza Filippini (punt 37).

55 Ara s-sentenzi tat-23 ta' Ottubru 2007, Il-Parlament vs Il-Kummissjoni (C-403/05, EU:C:2007:624, punt 56), u tal-20 ta' Mejju 2008, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-91/05, EU:C:2008:288, punt 65).

56 Ara s-sentenza tal-20 ta' Mejju 2008, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-91/05, EU:C:2008:288, punti 68 sa 70, 98 u 99).

57 Il-Konsensus Ewropew il-Ġdid għall-Iżvilupp "Id-Dinja tagħna, id-Dinjità tagħna, il-Futur tagħna", dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill u mir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, 8 ta' Ġunju 2017. Fuq ir-rilevanza ta' dan it-tip ta' dokumenti sabiex jiġi ddeterminat il-qasam li taħtu jaqa' ftehim internazzjonali, ara, b'mod partikolari, is-sentenza Filippini (punt 42).

58 Ara l-Konsensus, punt 10.

59 Adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fil-25 ta' Settembru 2015.

60 Ara l-Konsensus, punt 11.

61 Regolament (UE) Nru 235/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja (ĠU 2014, L 77, p. 85).

62 Ara r-Regolament (UE) Nru 230/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument li jikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-paċi (ĠU 2014, L 77, p. 1).

(2021-2027)[63], li t-test ta' kompromess tiegħu ġie approvat fit-13 ta' Marzu 2021[64], li jkopri wkoll l-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tar-rispons għall-kriżijiet, tal-prevenzjoni tal-kunflitti, tal-konsolidazzjoni tal-paċi u tal-ġlieda kontra t-theddid globali u transreġjonali.

61. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li miżura ma taqax taħt il-kooperazzjoni għall-iżvilupp, anki jekk din tikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-għanijiet tagħha, jekk din għandha bħala għan prinċipali l-implimentazzjoni ta' politika oħra, pereżempju tal-PESK[65].

62. Issa, fil-fehma tiegħi, dan ma huwiex il-każ f'din il-kawża. Fil-fatt, il-FSKM huwa qabel kollox strument intiż li jsaħħaħ il-kooperazzjoni ekonomika u kummerċjali bejn il-partijiet, bil-għan li jippromwovi żvilupp sostenibbli[66], li jintegra fl-ekonomija r-restrizzjonijiet ambjentali[67]u soċjali, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali[68] kif ukoll is-saħħa tal-bniedem[69]. Minbarra d-dispożizzjonijiet dwar il-kummerċ, li jinsabu fit-Titolu VI, varjetà wiesgħa ta' oqsma ta' kooperazzjoni hija koperta mill-FSKM, li tolqot is-setturi soċjoekonomiċi l-iktar differenti, mill-enerġija (Kapitolu 2 tat-Titolu V), sal-ambjent u l-azzjoni klimatika (Kapitoli 3 u 4 tat-Titolu V), il-politika industrijali (Kapitolu 5 tat-Titolu V), il-kooperazzjoni fis-servizzi finanzjarji (Kapitolu 7 tat-Titolu V), it-turiżmu (Kapitolu 9 tat-Titolu V), l-agrikoltura u s-sajd (Kapitoli 10 u 11 tat-Titolu V), ir-riċerka (Kapitolu 14 tat-Titolu V), il-politika soċjali (Kapitolu 15 tat-Titolu V), l-edukazzjoni u l-kultura (Kapitoli 17 u 18 tat-Titolu V), l-isport (Kapitolu 20 tat-Titolu V), u l-protezzjoni ċivili (Kapitolu 23 tat-Titolu V).

63. Minn dan kollu li ntqal jirriżulta li d-dispożizzjonijiet inklużi fit-Titolu II tal-FSKM jistgħu, fl-intier tagħhom, jintrabtu wkoll mal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, li tikkostitwixxi wieħed mill-komponenti ta' dan il-ftehim, u ma jimponux li tiġi bbażata deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni, li tirrigwarda l-modalitajiet ta' funzjonament tal-istituzzjonijiet maħluqa mill-imsemmi ftehim, ukoll fuq l-Artikolu 37 TUE bħala bażi legali sostantiva addizzjonali. Fil-fehma tiegħi, din il-konklużjoni ma hijiex ikkontestata jekk il-FSKM jiġi eżaminat fid-dawl tal-kuntest tiegħu. Fil-fatt, minn naħa, fir-rigward ta' ftehim ta' sħubija bħall-FSKM, il-kuntest li fih seħħew in-negozjati u l-konklużjoni tal-ftehim diffiċilment jista' jkollu rwol sinjifikattiv, u wisq inqas deċiżiv, bħala element ta' evalwazzjoni għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-bażi legali rilevanti. Min-naħa l-oħra, f'dan il-każ, ir-riferiment li jinsab fil-ħdax-il premessa tal-FSKM għall-kunflitt fin-Nagorno-Karabakh, li għalih tirreferi r-Repubblika Franċiża fl-osservazzjonijiet tagħha, ma huwiex biżżejjed sabiex il-konklużjoni tal-FSKM titqiegħed f'kuntest speċifiku għall-PESK.

63 Ara l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (COM(2018) 460 final), emendata (COM(2020) 459 final) wara l-kriżi marbuta mal-pandemija tal-COVID-19.

64 Ara l-komunikat stampa fuq https://www.consilium.europa.eu/en/press/press-releases/2021/03/17/neighbourhood-development-and-international-cooperation-instrument-global-europe-eu-ambassadors-greenlight-final-compromise-text-with-a-view-to-an-agreement-with-the-ep/.

65 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Mejju 2008, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-91/05, EU:C:2008:288, punti 71 u 72). Fl-istess sens, iżda fil-kuntest ta' kunflitt bejn bażijiet legali li kollha jaqgħu taħt it-Trattat FUE, ara s-sentenza Filippini (punt 44).

66 It-tmintax u t-tlieta u għoxrin premessa tal-FSKM.

67 Id-dsatax u t-tlieta u għoxrin premessa u l-Kapitoli 3 u 4 tat-Titolu V tal-FSKM.

68 It-tielet u s-sitt premessa tal-FSKM.

69 Id-disa' u għoxrin premessa u l-Kapitolu 16 tat-Titolu V tal-FSKM.

64. Għaldaqstant, huwa opportun li ngħaddu għat-tieni parti tal-eżami binarju applikat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Filippini, li teħtieġ, f'dan il-każ, li jiġi vverifikat jekk id-dispożizzjonijiet tal-FSKM li jistgħu jintrabtu mal-PESK ma jinkludux obbligi ta' tali portata li dawn jikkorrispondu għal għanijiet distinti minn dawk marbuta mal-komponenti l-oħra tal-ftehim u, b'mod partikolari, mal-kooperazzjoni għall-iżvilupp.

65. Fil-fehma tiegħi, jidher ċar mill-qari tad-dispożizzjonijiet tat-Titolu II tal-FSKM, li dawn id-dispożizzjonijiet huma ta' natura dikjaratorja u li ma fihomx il-modalitajiet konkreti ta' implimentazzjoni tal-kooperazzjoni tagħhom fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà, u lanqas ma jinkludu obbligi pożittivi konkreti fir-rigward tal-partijiet, li jmorru lil hinn mis-sempliċi impenn ġenerali li jikkooperaw.

66. Dan jgħodd għall-espożizzjoni tal-għanijiet tad-djalogu politiku li tinsab fl-Artikolu 3(2) ta' dan il-ftehim, li fuqha jinsisti b'mod partikolari l-Kunsill. Fil-fatt, minn naħa, mill-Artikolu 3(1) jirriżulta li d-djalogu li l-partijiet għandhom l-intenzjoni li jsaħħu jirrigwarda l-oqsma kollha ta' interess komuni koperti mill-imsemmi ftehim. Dan huwa koerenti mal-pożizzjoni espressa fil-Konsensus, li miegħu l-Kunsill aderixxa wkoll, inkluża fil-punt 59 ta' dawn il-konklużjonijiet, li skontha d-djalogu politiku huwa strument li jservi wkoll l-għanijiet tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Min-naħa l-oħra, l-elenkar tal-għanijiet ta' dan id-djalogu ma huwiex segwit, fid-dispożizzjonijiet tat-Titolu II tal-FSKM li jistgħu b'mod iktar speċifiku jkunu marbuta mal-PESK, minn miżuri konkreti intiżi għat-twettiq ta' dawn l-għanijiet u li jaqgħu taħt din il-politika.

67. Għalhekk, l-Artikolu 5 ta' dan il-ftehim sempliċement jagħmel parafrażi tal-Artikolu 3(2)(b), (c), (e), (f), (h) u (i), filwaqt li jenfasizza b'mod partikolari l-kontinwazzjoni tal-kooperazzjoni bejn il-partijiet f'fora internazzjonali, bħan-Nazzjonijiet Uniti u l-OSKE. L-istess japplika għall-Artikolu 8 tal-imsemmi ftehim dwar l-istabbiltà reġjonali u r-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitti, li jillimita ruħu li jirriproduċi l-għanijiet indikati fl-Artikolu 3(2)(i), (j) u (k) tal-istess ftehim u li jfakkar lill-partijiet il-prinċipji stabbiliti fil-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, fl-att finali ta' Helsinki tal-OSKE u fl-atti multilaterali rilevanti l-oħra. L-istess japplika wkoll għall-Artikolu 9 tal-FSKM dwar l-AQM, li, essenzjalment, ma jagħmilx ħlief ifakkar lill-partijiet l-impenji internazzjonali tagħhom (Artikolu 9(1)) u jinkoraġġihom sabiex jidħlu f'oħrajn (Artikolu 2(a)). Fir-rigward tal-Artikolu 9(2)(b) tal-FSKM intiż għall-"iżvilupp" tal-implimentazzjoni ta' sistema effettiva ta' kontrolli nazzjonali tal-esportazzjonijiet marbuta mal-AQM, dan huwa obbligu li, minbarra li huwa fformulat f'termini ġenerali u prospettivi ħafna, jikkoinċidi mal-impenji diġà previsti fuq il-livell internazzjonali[70]. Fl-aħħar nett, l-istess kunsiderazzjonijiet japplikaw għall-Artikoli 10 dwar l-armi ħfief u ta' kalibru żgħir[71], u 11 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu.

68. Fir-rigward tal-Artikolu 7 tal-FSKM, li fuqu tinsisti b'mod partikolari r-Repubblika Franċiża, li jirrakkomanda parteċipazzjoni possibbli tar-Repubblika tal-Armenja "f'operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-kriżijiet ċivili u militari mmexxija mill-[Unjoni] kif ukoll eżerċizzji u taħriġ relevanti", għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li din il-parteċipazzjoni tissemma biss f'termini ta' "ħsieb" li lejh għandha tkun intiża l-kooperazzjoni prattika bejn il-partijiet fil-qasam tal-prevenzjoni ta' kunflitt u ta' ġestjoni tal-kriżi, u li din hija kklassifikata biss bħala "possibbli", u, min-naħa l-oħra, li l-parteċipazzjoni fl-eżerċizzji u t-taħriġ relatati mal-operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-kriżijiet

[70] Ara, b'mod partikolari, ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1504 (2004) tat-28 ta' April 2004 u l-Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni ta' din ir-riżoluzzjoni elaborat mill-Armenja, disponibbli fuq https://www.un.org/en/sc/1540/national-implementation/national-implementation-plans.shtml.

[71] Barra minn hekk, l-Artikolu 10(4) tal-FSKM jirreferi għall-kooperazzjoni fid-dawl tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK tat-8 ta' Diċembru 2008 li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari u tal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti tar-Repubblika tal-Armenja.

imwettqa mill-Unjoni tista', jekk ikun il-każ, tiġi deċiża biss "fuq bażi ta' każ b'każ". Minn dan isegwi li, bħad-dispożizzjonijiet l-oħra li jinsabu fit-Titolu II tal-FSKM, l-imsemmi artikolu ma jipprevedi ebda obbligu speċifiku u ma huwiex ta' natura immedjatament operattiva.

69. Minn dak kollu li ntqal jirriżulta li, fid-dawl tat-test adottat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Filippini, l-adozzjoni ta' deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Sħubija tal-FSKM u li tirrigwarda l-modalitajiet ta' funzjonament tal-istituzzjonijiet maħluqa minn dan il-ftehim ma kinitx teħtieġ iż-żieda, mal-bażi legali tal-att, tal-Artikolu 37 TUE.

70. Jekk wieħed japplika, fit-tieni lok, l-eżami adottat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Kazakistan, ir-riżultat, fil-fehma tiegħi, ma jinbidilx. Fil-fatt, għandu jiġi kkonstatat, minn naħa, li d-dispożizzjonijiet tal-FSKM li jaqgħu taħt il-politika kummerċjali komuni u l-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp jikkostitwixxu l-maġġoranza l-kbira tat-386 artikolu ta' dan il-ftehim. Min-naħa l-oħra, id-dispożizzjonijiet tal-FSKM li juru rabta mal-PESK u ċċitati fil-punt 51 ta' dawn il-konklużjonijiet, minbarra li ma tantx huma numeruži fir-rigward tad-dispożizzjonijiet kollha ta' dan il-ftehim, huma limitati, kif jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 64 sa 67 ta' dawn il-konklużjonijiet, għal dikjarazzjonijiet tal-partijiet kontraenti dwar l-għanijiet li għandha tfittex il-kooperazzjoni tagħhom u dwar is-suġġetti li dwarhom din għandha tittratta, mingħajr ma jiddeterminaw il-modalitajiet konkreti ta' implimentazzjoni ta' din il-kooperazzjoni. B'mod iktar ġenerali, u mingħajr ma dan l-argument, kif diġà affermajt fil-punt 45 ta' dawn il-konklużjonijiet, għandu importanza deċiżiva, jiena tal-fehma, l-istess bħall-Kummissjoni u r-Repubblika Ċeka, u kuntrarjament għall-Kunsill u għar-Repubblika Franċiża, li d-dispożizzjonijiet tat-Titolu II tal-FSKM ma jmorrux lil hinn mid-dispożizzjonijiet simili li jinsabu fil-ftehim mal-Kazakistan u li dawn jifformaw parti mill-istrateġija multidimensjonali tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp.

4. Konklużjonijiet dwar l-ewwel motiv

71. Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, l-ewwel motiv għandu jiġi milqugħ.

B. Fuq it-tieni motiv

72. Permezz tat-tieni motiv tagħha, il-Kummissjoni tilmenta li l-Kunsill qasam att uniku f'diversi partijiet sabiex joħloq artifiċjalment atti li għandhom ċentri ta' gravità differenti u sabiex jimmanipula r-regoli ta' vot applikabbli. Billi pproċeda b'dan il-mod, il-Kunsill, l-ewwel, kiser il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mfakkra fil-punt 25 ta' dawn il-konklużjonijiet, it-tieni, kiser il-prerogattivi li l-Kummissjoni għandha skont l-Artikolu 17(2) TUE, billi żnatura l-proposta emendata li kienet tipprevedi l-adozzjoni ta' att wieħed, it-tielet, taqqal bla bżonn il-proċedura deċiżjonali u, ir-raba', kiser id-dmir ta' kooperazzjoni leali bejn l-istituzzjonijiet, kif previst fl-Artikolu 13(1) TUE[72]. Il-Kummissjoni tippreċiża, fir-rikors tagħha, li t-tieni motiv għandu jinftiehem fis-sens li jipprovdi sempliċement raġunijiet addizzjonali sabiex id-deċiżjonijiet ikkontestati jiġu kkunsidrati bħala illegali, peress li l-ewwel motiv waħdu huwa biżżejjed, fil-fehma tagħha, sabiex ir-rikors jiġi milqugħ. Fir-replika tagħha, madankollu,

[72] Għandu jiġi osservat, minkejja d-differenza fil-kuntest, li tqum kwistjoni simili fil-proċedura għal Opinjoni 1/19, li fiha l-Avukat Ġenerali Hogan ippreżenta l-konklużjonijiet tiegħu fil-11 ta' Marzu 2021 (EU:C:2021:198, punti 167 sa 194), dwar id-diviżjoni f'żewġ deċiżjonijiet separati tal-att li jawtorizza l-iffirmar tal-Konvenzjoni ta' Istanbul dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika.

il-Kummissjoni tafferma li, anki fil-każ ta' ċaħda tal-ewwel motiv tagħha, it-tieni motiv tagħha jibqa' kompletament awtonomu, peress li d-deċiżjoni tal-Kunsill li jadotta żewġ deċiżjonijiet differenti, minflok waħda, ibbażata, fost oħrajn, fuq l-Artikolu 37 TUE, hija xorta waħda illegali.

73. Bħall-Kummissjoni, jiena tal-opinjoni li, jekk jiġi milqugħ, l-ewwel motiv għandu jwassal, waħdu, sabiex jiġu annullati ż-żewġ deċiżjonijiet ikkontestati, l-ewwel waħda sa fejn teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha t-Titolu II tal-FSKM għar-raġunijiet esposti fl-għaxar premessa tiegħu, it-tieni waħda sa fejn din tadotta bħala bażi legali l-Artikolu 37 TUE. Minn dan isegwi li, jekk, kif nipproponi, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tilqa' l-ewwel motiv, hija ma jkollhiex għalfejn teżamina t-tieni wieħed. Min-naħa l-oħra, jekk hija tiddeċiedi li tindirizzah, hija għandha, fil-fehma tiegħi, tiddikjarah bħala fondat. Fil-fatt, billi adotta żewġ deċiżjonijiet distinti iżda konnessi bejniethom, li t-tieni waħda minnhom hija bbażata fuq bażi legali żbaljata, li teħtieġ l-adozzjoni ta' regola ta' vot differenti minn dik prevista għall-adozzjoni tal-ewwel waħda, il-Kunsill ipprova jevita r-regoli li japplikaw fil-qasam tal-għażla tal-bażi legali ta' att tal-Unjoni [73].

74. Għaldaqstant, huwa b'mod sussidjarju u fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tiċħad l-ewwel motiv u tikkunsidra li t-tieni motiv għandu awtonomija tiegħu stess li ser nifformula l-kunsiderazzjonijiet fil-qosor li ġejjin.

75. Huwa paċifiku li l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni għall-finijiet tal-adozzjoni tar-Regoli tal-Proċedura tal-korpi maħluqa mill-FSKM hija waħda. Huwa daqstant paċifiku li l-imsemmija Regoli tal-Proċedura huma indiviżibbli. Huwa wkoll fatt li d-deċiżjonijiet ikkontestati għandhom kontenut sostanzjalment identiku, anki b'kamp ta' applikazzjoni differenti, u jirreferu għall-istess dokument stabbilit mill-Kunsill ta' Sħubija [74]. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-raġunijiet li wasslu lill-Kunsill jadotta żewġ deċiżjonijiet distinti jibqgħu mhux ċari, sakemm dan ma huwiex tentattiv sabiex jiġi ġġustifikat l-użu, għat-tieni waħda minn dawn id-deċiżjonijiet, tal-bażi legali tal-Artikolu 37 TUE.

76. Dan premess, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-att li jistabbilixxi l-pożizzjoni unika li għandha tiġi adottata mill-Kunsill kien jeħtieġ iż-żieda ta' tali bażi legali, jidhirli li l-Kummissjoni ma turix l-illegalità tal-għażla ta' tali diviżjoni magħmula mill-Kunsill. Ċertament, l-adozzjoni ta' att wieħed kienet tevita li tittaqqal il-proċedura deċiżjonali. Madankollu, f'każ bħal dan, ebda evitar tar-regoli fil-qasam tad-determinazzjoni tal-bażi legali, u lanqas tar-regoli ta' vot applikabbli, ma tista' tiġi kkritikata fir-rigward tal-Kunsill. Jiena, bħall-Gvern tar-Repubblika Ċeka, niddubita wkoll kemm jista' jiġi attribwit lill-Kunsill, f'tali ċirkustanzi, ksur tad-dmir ta' kooperazzjoni leali jew ksur tas-setgħa ta' inizjattiva li l-Artikolu 17(2) TUE jattribwixxi lill-Kummissjoni [75]. Fil-fatt, l-"iżnaturament" allegat mill-Kummissjoni ma jidhirlix li huwa pprovat sa fejn l-għan imfittex mill-proposta emendata, jiġifieri li jkun possibbli li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Sħubija dwar l-adozzjoni tar-Regoli tal-Proċedura nkiseb u l-kontenut ta' din il-pożizzjoni ġie stabbilit, bl-eċċezzjoni ta' xi

[73] Madankollu, għandu jiġi ppreċiżat li ma hijiex, bħala tali, id-diviżjoni f'żewġ deċiżjonijiet distinti li twassal għall-evitar tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tal-għażla tal-bażi legali, iżda din id-diviżjoni flimkien mal-previżjoni ta' bażi legali żbaljata għal waħda minn dawn iż-żewġ deċiżjonijiet.

[74] Dan huwa l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill ta' Sħubija UE-Repubblika tal-Armenja li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tiegħu kif ukoll dawk tal-Kumitat ta' Sħubija u tas-sottokumitati u ta' korpi oħra stabbiliti mill-Kunsill ta' Sħubija, u li tistabbilixxi l-lista tas-sottokumitati, ST 15226/19 fuq is-sit internet http://register.consilium.europa.eu.

[75] L-Artikolu 17(2) TUE, *in fine*, jipprevedi li l-atti mhux leġiżlattivi għandhom jiġu adottati fuq proposta tal-Kummissjoni meta t-Trattati jipprovdu dan. Skont l-Artikolu 218(9) TFUE, il-Kunsill għandu jadotta d-deċiżjonijiet li jistabbilixxu l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan korp maħluq minn ftehim fuq proposta tal-Kummissjoni (jew tar-Rappreżentant Għoli).

emendi żgħar, b'mod konformi ma' dak li kien ġie propost[76]. Ċertament, jista' jiġi affermat li, peress li l-proposta emendata kienet tipprevedi biss l-adozzjoni ta' deċiżjoni waħda, id-Deċiżjoni 2020/246 ġiet adottata fin-nuqqas ta' kull proposta mill-Kummissjoni, bi ksur tal-Artikolu 17(2) TUE, moqri flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE. Madankollu, tali argument jidhirli li huwa formalistiku wisq, tal-inqas fiċ-ċirkustanzi tal-każ fejn id-Deċiżjoni 2020/245 u d-Deċiżjoni 2020/246 kellhom kontenut sostanzjalment identiku[77].

C. Fuq iż-żamma tal-effetti tad-deċiżjonijiet ikkontestati

77. Il-Kummissjoni u l-Kunsill, kif ukoll l-Istati intervenjenti, jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja, fil-każ fejn din tannulla d-deċiżjonijiet ikkontestati, iżżomm l-effetti tagħhom.

78. Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 264 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', jekk tqis li huwa neċessarju, tindika liema mill-effetti ta' att annullat għandhom jitqiesu li huma definittivi. Peress li l-annullament tad-deċiżjonijiet ikkontestati mingħajr ma jinżammu l-effetti tagħhom jista' jfixkel il-funzjonament tal-korpi stabbiliti mill-FSKM, joħloq inċertezza dwar l-impenn tal-Unjoni fir-rigward tal-atti legali adottati minn dawn il-korpi u jostakola, b'dan il-mod, l-implimentazzjoni korretta ta' dan il-ftehim[78], jiena tal-fehma li, fil-każ fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li tannulla d-deċiżjonijiet ikkontestati, għandhom jinżammu l-effetti tagħhom.

D. Fuq l-ispejjeż

79. Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li nipproponi li r-rikors jiġi milqugħ u peress li l-Kummissjoni talbet li l-Kunsill jiġi kkundannat għall-ispejjeż, fil-fehma tiegħi hemm lok li dan tal-aħħar jiġi kkundannat għall-ispejjeż. Skont l-Artikolu 140(1) tar-Regoli tal-Proċedura, l-Istati Membri intervenjenti fil-kawża għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess. Għaldaqstant, hemm lok li jiġi deċiż li r-Repubblika Franċiża u r-Repubblika Ċeka jbatu l-ispejjeż tagħhom.

VI. Konklużjoni

80. Fuq il-bażi tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi kif ġej:

1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/245 tas-17 ta' Frar 2020 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill ta' Sħubija stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ta' Sħubija u dawk tal-Kumitat ta'

[76] Infakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-okkażjoni tippreċiża, fir-rigward tal-proċedura ta' adozzjoni ta' atti leġiżlattivi, li "meta emenda kkunsidrata mill-Parlament u mill-Kunsill tiżnatura l-proposta ta' att leġiżlattiv b'mod li tostakola t-twettiq tal-għanijiet li għandhom jitwettqu minnha u li, għaldaqstant, iċċaħħadha mir-raġuni tagħha, il-Kummissjoni għandha d-dritt li tirtiraha" (ara s-sentenza tal-14 ta' April 2015, Il-Kunsill vs Il-Kummissjoni, C-409/13, EU:C:2015:217, punt 83).

[77] Fil-massimu wieħed jista' jikkunsidra, b'argument daqstant formalistiku, li l-Kunsill kiser l-Artikolu 293(1) TFUE sa fejn id-Deċiżjoni 2020/245, minkejja li ma segwietx, f'dak li jirrigwarda l-"kamp ta' applikazzjoni" tagħha, il-proposta emendata, ġiet adottata b'maġġoranza kkwalifikata u mhux b'unanimità.

[78] Ara, b'analoġija, is-sentenza Kazakistan (punt 51). Ħlief għal żball min-naħa tiegħi, ir-Regoli tal-Proċedura, li d-deċiżjonijiet ikkontestati jirrigwardaw jidhru li sadanittant ġew adottati, ara, https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-4555-2020-INIT/en/pdf.

Sħubija, is-sottokumitati speċjalizzati u korpi oħra stabbiliti mill-Kunsill ta' Sħubija, u l-istabbiliment tal-lista ta' Sottokumitati, għall-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim għajr it-Titolu II tiegħu, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/246 tas-17 ta' Frar 2020 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill ta' Sħubija stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ta' Sħubija u dawk tal-Kumitat ta' Sħubija, is-sottokumitati speċjalizzati u korpi oħra stabbiliti mill-Kunsill ta' Sħubija, u l-istabbiliment tal-lista ta' Sottokumitati, għall-applikazzjoni tat-Titolu II ta' dak il-Ftehim, huma annullati.

2) L-effetti tad-Deċiżjonijiet 2020/245 u 2020/246 għandhom jinżammu.

3) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea huwa kkundannat għall-ispejjeż.

4) Ir-Repubblika Franċiża u r-Repubblika Ċeka għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess.